2. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu "proprjetà immobbli" tfisser art, bini u partijiet minnhom li jinsabu barra mit-territorju tar-RDPK.

KAPITOLU IV

Restrizzjonijiet fuq Trasferimenti ta' Fondi u fuq Servizzi Finanzjarji

Artikolu 21

▼M1

1. Għandu jkun ipprojbit it-trasferiment ta' fondi, inkluż ikklerjar ta' fondi, lejn u mir-RDPK.

▼B

2. Għandu jkun ipprojbit għal istituzzjonijiet ta' kreditu u istituzzjonijiet finanzjarji li jidħlu jew ikomplu jipparteċipaw fi kwalunkwe tranżazzjoni ma':

(a) istituzzjonijiet ta' kreditu u istituzzjonijiet finanzjarji ddomiċiljati fir-RDPK;

(b) fergħat jew sussidjarji li jaqgħu taħt l-ambitu ta' applikazzjoni tal-Artikolu 1, tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji domiċiljati fir-RDPK;

(c) fergħat jew sussidjarji li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 1, tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji domiċiljati fir-RDPK;

(d) istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji li mhumiex domiċiljati fir-RDPK, li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 1 u li huma kkontrollati minn persuni, entitajiet jew korpi domiċiljati fir-RDPK;

(e) istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji li mhumiex domiċiljati fir-RDPK jew li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 1, iżda huma kkontrollati minn persuni, entitajiet jew korpi domiċiljati fir-RDPK.

3. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għal kull trasferiment ta' fondi jew tranżazzjoni meħtieġa għall-finijiet uffiċjali ta' missjoni diplomatika jew konsulari ta' Stat Membru fir-RDPK jew organizzazzjoni internazzjonali li tgawdi immunitajiet fir-RDPK f'konformità mad-dritt internazzjonali.

▼M4

4. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhom japplikaw għall-ebda waħda minn dawn it-tranżazzjonijiet, sakemm dawn ikunu jinvolvu trasferiment ta' fondi għal ammonti ugwali għal jew inqas minn EUR 15 000 jew ekwivalenti:

(a) tranżazzjonijiet rigward oġġetti tal-ikel, il-kura tas-saħħa jew tagħmir mediku, jew għal finijiet agrikoli jew umanitarji;

(b) tranżazzjonijiet rigward l-eżekuzzjoni tal-eżenzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament;

(c) tranżazzjonijiet marbuta ma' kuntratt kummerċjali speċifiku mhux ipprojbit minn dan ir-Regolament;

(d) tranżazzjonijiet meħtieġa esklussivament għall-implimentazzjoni ta' proġetti ffinanzjati mill-Unjoni jew mill-Istati Membri tagħha għal skopijiet ta' żvilupp li jindirizzaw direttament il-ħtiġijiet tal-popolazzjoni ċivili jew il-promozzjoni tad-denuklearizzazzjoni; u

▼M4

(e) tranżazzjonijiet rigward missjoni diplomatika jew konsulari jew organizzazzjoni internazzjonali li tgawdi immunitajiet skont id-dritt internazzjonali, sa fejn tali tranżazzjonijiet ikunu maħsubin biex jintużaw għal skopijiet uffiċjali tal-missjoni diplomatika jew konsulari jew organizzazzjoni internazzjonali.

5. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għal ranżazzjonijiet rigward rimessi personali, sakemm dawn ikunu jinvolvu trasferiment ta' fondi għal ammonti ugwali għal jew inqas minn EUR 5 000 jew ekwivalenti.

▼B

Artikolu 22

▼M4

1. B'deroga mill-projbizzjonijiet tal-Artikolu 21(1) u (2), l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw:

(a) it-tranżazzjonijiet imsemmija fil-punti (a) sa (e) tal-Artikolu 21(4) b'valur iktar minn EUR 15 000 jew ekwivalenti; u

(b) it-tranżazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 21(5) b'valur iktar minn EUR 5 000 jew ekwivalenti.

2. Ir-rekwiżit għal awtorizzazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 għandu japplika indipendentement minn jekk it-trasferiment tal-fondi jkunx eżegwit f'operazzjoni waħda jew f'diversi operazzjonijiet li jidhru li jkunu marbutin ma' xulxin. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "operazzjonijiet li jidhru marbutin ma' xulxin" jinkludu:

(a) sensiela ta' trasferimenti konsekuttivi minn jew lejn l-istess istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 21(2) lejn jew mill-istess persuna, entità jew korp mir-RDPK, li jsiru b'konnessjoni ma' obbligu wieħed ta' trasferiment ta' fondi, fejn kull trasferiment individwali jaqa' taħt EUR 15 000 għal tranżazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 21(4) jew EUR 5 000 għal tranżazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 21(5), iżda li, fl-aggregat, jissodisfaw il-kriterji għall-awtorizzazzjoni; u

(b) katina ta' trasferimenti li jinvolvu fornituri differenti ta' servizzi ta' pagament jew persuni fiżiċi jew ġuridiċi, li hija marbuta ma' obbligu wieħed ta' trasferiment ta' fondi.

▼B

3. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lil xulxin u lill-Kummissjoni b'kull awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 1.

4. B'deroga mill-projbizzjonijiet fl-Artikolu 21(1) u (2), l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw tranżazzjonijiet marbuta ma' pagamenti biex jiġu ssodisfati pretensjonijiet kontra r-RDPK, ċittadini tagħha, jew persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi tar-RDPK, u tranżazzjonijiet ta' natura simili li ma jikkontribwixxux għall-attivitajiet ipprojbiti skont dan ir-Regolament, skont il-każ individwali u jekk l-Istat Membru kkonċernat ikun innotifika lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni mill-inqas 10 ijiem bil-quddiem bl-għoti ta' awtorizzazzjoni.

▼B

Artikolu 23

▼M1

1. L-istituzzjonijiet ta' kreditu u dawk finanzjarji għandhom, fl-attivitajiet tagħhom, inkluż fl-ikklerjar ta' fondi, ma' istituzzjonijiet ta' kreditu u dawk finanzjarji msemmija fl-Artikolu 21(2):

▼B

(a) japplikaw miżuri ta' diliġenza dovuta tal-konsumaturi stabbiliti skont l-Artikoli 13 u 14 tad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

(b) jiżguraw il-konformità mal-proċeduri kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu stabbiliti skont id-Direttiva (UE) 2015/849 u r-Regolament (UE) Nru 2015/847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]);

(c) jitolbu li l-informazzjoni dwar min qed iħallas kif ukoll informazzjoni dwar il-benefiċjarju li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi tingħata kif meħtieġ skont ir-Regolament (KE) 2015/847, u jirrifjutaw li jipproċessaw it-tranżazzjoni jekk xi informazzjoni minn din tkun nieqsa jew mhux sħiħa;

(d) iżommu rekords tat-tranżazzjonijiet skont il-punt (b) tal-Artikolu 40 tad-Direttiva (UE) 2015/849;

(e) fejn ikun hemm motivi raġonevoli ta' suspett li l-fondi jistgħu jikkontribwixxu għall-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew programmi jew attivitajiet relatati ma' armi oħra ta' qerda massiva ("finanzjament tal-proliferazzjoni"), jinnotifikaw minnufih lill-Unità tal-Intelligence Finanzjarja (UIF) kompetenti kif definit mid-Direttiva (UE) 2015/849 jew lil kwalunkwe awtorità kompetenti oħra maħtura mill-Istat Membru kkonċernat mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7(1) jew l-Artikolu 33 ta' dan ir-Regolament;

(f) jirraportaw minnufih kull tranżazzjoni suspettuża, inklużi tentattivi ta' tranżazzjonijiet;

(g) ma jwettqux tranżazzjonijiet li huma raġonevolment jissuspettaw li jistgħu jkunu relatati mal-finanzjament tal-proliferazzjoni sakemm ikunu wettqu l-azzjoni meħtieġa b'konformità mal-punt (e) u jkunu kkonformaw ma' kwalunkwe struzzjoni mill-UIF jew l-awtorità kompetenti rilevanti.

2. Għall-iskopijiet tal-paragrafu 1, l-UIF, jew kwalunkwe awtorità kompetenti oħra li sservi bħala ċentru nazzjonali għar-riċeviment u l-analiżi tat-tranżazzjonijiet suspettużi, għandha tirċievi rapporti dwar il-finanzjament potenzjali tal-proliferazzjoni, u għandha jkollha aċċess, direttament jew indirettament, f'waqtu għall-informazzjoni finanzjarja, amministrattiva u tal-infurzar tal-liġi li tkun teħtieġ biex twettaq sew din il-funzjoni, inkluża l-analiżi tar-rapporti tat-tranżazzjonijiet suspettużi.

([1]) Id-Direttiva (UE) 2015-849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73).

([2]) Ir-Regolament (UE) 2015/847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1781/2006 (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 1).

▼B

Artikolu 24

Għandu jkun ipprojbit għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u dawk finanzjarji:

(a) li jiftħu kont bankarju ma' istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja msemmija fl-Artikolu 21(2);

(b) li jistabbilixxu relazzjoni bankarja korrispondenti ma' istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja msemmija fl-Artikolu 21(2);

(c) li jiftħu uffiċċji rappreżentattivi fir-RDPK jew jistabbilixxu fergħa jew sussidjarja ġdida fir-RDPK; u

(d) li jistabbilixxu impriża konġunta ma' istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja msemmija fl-Artikolu 21(2), jew jassumu interess proprjetarju fihom.

Artikolu 25

1. B'deroga mill-projbizzjonijiet fil-punti (b) u (d) tal-Artikolu 24, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw it-tranżazzjonijiet jekk il-Kumitat tas-Sanzjonijiet ikun approvahom bil-quddiem.

2. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika minnufih lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 1.

Artikolu 26

Skont ir-rekwiżiti tal-UNSCR 2270 (2016), l-istituzzjonijiet ta' kreditu u dawk finanzjarji għandhom, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju 2016:

(a) jagħlqu kull kont ma' istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja msemmija fl-Artikolu 21(2);

(b) itemmu kull relazzjoni bankarja korrispondenti ma' istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja msemmija fl-Artikolu 21(2);

(c) jagħlqu uffiċċji rappreżentattivi, fergħat, u sussidjarji fir-RDPK;

(d) itemmu impriżi konġunti ma' istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja msemmija fl-Artikolu 21(2); u

(e) jirrinunzjaw kwalunkwe interess proprjetarju f'istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja msemmija fl-Artikolu 21(2).

Artikolu 27

1. B'deroga mill-punti (a) u (c) tal-Artikolu 26, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, jistgħu jawtorizzaw lil ċerti uffiċċji ta' rappreżentanza, sussidjarji jew kontijiet biex jibqgħu operattivi, dment li l-Kumitat tas-Sanzjonijiet ikun iddetermina skont il-każ individwali li dawn l-uffiċċji, sussidjarji jew kontijiet ikunu meħtieġa għat-twassil ta' attivitajiet umanitarji jew għall-attivitajiet ta' missjonijiet diplomatiċi fir-RDPK jew għall-attivitajiet tan-NU jew l-aġenziji speċjalizzati tagħha jew organizzazzjonijiet relatati, jew kull skop ieħor konsistenti mal-objettivi tal-UNSCRs 1718 (2006), 1874 (2009), 2087 (2013), 2094 (2013), 2270 (2016), 2321 (2016) jew 2371 (2017).

▼B

2. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika minnufih lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 1.

Artikolu 28

1. Għandu jkun ipprojbit għal istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji li jifthu kont għal missjonijiet diplomatiċi jew uffiċċji konsulari tar-RDPK, u l-membri tagħhom mir-RDPK.

2. Sa mhux aktar tard mill-11 ta' April 2017, l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji għandhom jagħlqu kull kont f'idejn jew ikkontrollat minn missjoni diplomatika jew uffiċċju konsulari tar-RDPK, u l-membri tagħhom mir-RDPK.

Artikolu 29

1. B'deroga mill-Artikolu 28(1), l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw, fuq talba minn missjoni diplomatika jew uffiċċju konsulari tar-RDPK, jew minn wieħed mill-membri tagħhom, il-ftuħ ta' kont wieħed għal kull missjoni, uffiċċju u membru, sakemm il-missjoni jew uffiċċju jkunu ospitati f'dak l-Istat Membru jew il-membru tal-missjoni jew uffiċċju jkun akkreditat għal dak l-Istat Membru.

2. B'deroga mill-Artikolu 28(2), l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw li kont jibqa' miftuħ, fuq talba minn missjoni jew uffiċċju tar-RDPK, jew minn membru tagħhom, dment li l-Istat Membru jkun iddetermina li:

(i) il-missjoni jew l-uffiċċju jkunu ospitati f'dak l-Istat Membru jew il-membru ta' dik il-missjoni jew uffiċċju jkun akkreditat għal dak l-Istat Membru; u

(ii) il-missjoni, uffiċċju jew il-membru tagħhom ma jkollhom l-ebda kont ieħor f'dak l-Istat Membru.

Fil-każ li l-missjoni jew l-uffiċċju tar-RDPK, jew il-membru tagħhom ikollhom aktar minn kont wieħed f'dak l-Istat Membru, il-missjoni, l-uffiċċju, jew il-membru jistgħu jindikaw liema kont għandu jinżamm.

3. Soġġett għar-regoli applikabbli tal-Konvenzjoni ta' Vjenna tal-1961 dwar ir-Relazzjonijiet Diplomatiċi u l-Konvenzjoni ta' Vjenna tal-1963 dwar ir-Relazzjonijiet Konsulari, l-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bl-ismijiet u l-informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' kwalunkwe membru tal-missjoni diplomatika jew uffiċċju konsulari mir-RDPK akkreditati għal dak l-Istat Membru, mhux aktar tard mit-13 ta' Marzu 2017, u b'aġġornamenti sussegwenti fi żmien ġimgħa.

4. L-awtoritajiet kompetenti rilevanti tal-Istati Membri jistgħu jgħarrfu lill-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji f'dak l-Istat Membru bl-identità ta' kwalunkwe membru ta' missjoni diplomatika jew uffiċċju konsulari mir-RDPK akkreditat għal dak l-Istat Membru jew għal kwalunkwe Stat Membru ieħor.

▼B

5. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafi 1 u 2.

Artikolu 30

Għandu jkun ipprojbit:

(a) l-awtorizzazzjoni tal-ftuħ ta' uffiċċju rappreżentattiv jew l-istabbiliment ta' fergħa jew sussidjarja fl-Unjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja msemmija fl-Artikolu 21(2);

(b) il-konklużjoni ta' ftehimiet għal, jew f'isem, istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja msemmija fl-Artikolu 21(2), li jagħmlu parti mill-ftuħ ta' uffiċċju rappreżentattiv, jew it-twaqqif ta' fergħa jew sussidjarja fl-Unjoni;

(c) l-għoti ta' awtorizzazzjoni għall-ftuħ u l-eżerċizzju ta' negozju ta' istituzzjoni ta' kreditu jew għal kwalunkwe negozju ieħor li jeħtieġ awtorizzazzjoni minn qabel, minn uffiċċju rappreżentattiv, fergħa jew sussidjarja ta' istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja msemmija fl-Artikolu 21(2), jekk l-uffiċċju rappreżentattiv, fergħa jew sussidjarja ma kinux operattivi qabel id-19 ta' Frar 2013;

(d) l-akkwist jew l-estensjoni ta' parteċipazzjoni jew l-akkwist ta' kwalunkwe interess proprjetarju ieħor f'istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja li tkun fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 1 minn kwalunkwe istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja msemmija fl-Artikolu 21(2); u

(e) l-operazzjoni jew il-faċilitazzjoni tal-operazzjoni ta' uffiċċju rappreżentattiv, fergħa jew sussidjarja ta' istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja msemmija fl-Artikolu 21(2).

Artikolu 31

Għandu jkun ipprojbit:

(a) il-bejgħ jew ix-xiri ta' bonds pubbliċi jew bonds garantiti pubblikament maħruġa wara d-19 ta' Frar 2013, direttament jew indirettament, lil jew mingħand xi wieħed minn dawn li ġejjin:

(i) ir-RDPK jew il-Gvern tagħha, u l-korpi, il-korporazzjonijiet u l-aġenziji pubbliċi tagħha;

(ii) il-Bank Ċentrali tar-RDPK;

(iii) kull istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja msemmija fl-Artikolu 21(2);

(iv) persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jaġixxu f'isem jew taħt id-direzzjoni ta' persuna ġuridika, entità jew korp imsemmija fil-punti (i) jew (ii);

(v) persuna ġuridika, entità jew korp li jkunu l-proprjetà jew taħt il-kontroll ta' persuna, entità jew korp imsemmija fil-punti (i), (ii) jew (iii);

▼B

(b) l-għoti ta' servizzi ta' senserija fir-rigward ta' bonds pubbliċi jew garantiti pubblikament maħruġa wara d-19 ta' Frar 2013 lil persuna, entità jew korp imsemmija fil-punt (a);

(c) l-għoti ta' għajnuna lil persuna, entità jew korp imsemmija fil-punt (a) sabiex joħorġu bonds pubbliċi jew garantiti mill-gvern, billi jiġu pprovduti servizzi ta' senserija, reklamar jew xi servizz ieħor fir-rigward ta' tali bonds.

Artikolu 32

Għandu jkun ipprojbit li jingħataw finanzjament jew assistenza finanzjarja għall-kummerċ mar-RDPK, inkluż l-għoti ta' krediti, garanziji jew assigurazzjoni għall-esportazzjoni lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi involuti f'dan il-kummerċ.

Artikolu 33

1. B'deroga mill-Artikolu 32, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw appoġġ finanzjarju għall-kummerċ mar-RDPK, dment li l-Istat Membru jkun kiseb l-approvazzjoni bil-quddiem mingħand il-Kumitat tas-Sanzjonijiet skont il-każ individwali.

2. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar kull awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 1.

KAPITOLU V

Iffriżar ta' Fondi u Riżorsi Ekonomiċi

Artikolu 34

1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu għall-persuni, l-entitajiet, u l-korpi elenkati fl-Annessi XIII, XV, XVI u XVII jew li huma proprjetà tagħhom jew li huma miżmuma jew ikkontrollati minnhom għandhom jiġu ffriżati.

▼M3

2. Il-bastimenti kollha elenkati fl-Anness XIV għandhom jiġu maħtufa, jekk il-Kumitat tas-Sanzjonijiet hekk jispeċifika.

▼B

3. L-ebda fondi jew riżorsi ekonomiċi ma għandhom ikunu disponibbli, direttament jew indirettament għall-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi elenkati fl-Annessi XIII, XV, XVI u XVII, jew għall-benefiċċju tagħhom.

▼M3

4. L-Anness XIII għandu jinkludi l-persuni, l-entitajiet u l-korpi determinati mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet jew mill-KSNU skont il-paragrafu 8(d) tal-UNSCR 1718 (2006), u l-paragrafu 8 tal-UNSCR 2094 (2013).

L-Anness XIV għandu jinkludi l-bastimenti li jkunu ġew determinati mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet skont il-paragrafu 12 tal-UNSCR 2321 (2016), u l-paragrafu 8 tal-UNSCR 2375 (2017).

▼M3

L-Anness XV għandu jinkludi persuni, entitajiet u korpi mhux elenkati fl-Annessi XIII u XIV li, f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 27(1) tad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849, jew kwalunkwe dispożizzjoni ekwivalenti sussegwenti, ikunu ġew identifikati mill-Kunsill bħala:

(a) responsabbli minn, anki permezz ta' sostenn jew promozzjoni, programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħra ta' qerda massiva, jew persuni, entitajiet jew korpi li jkunu qegħdin jaġixxu f'isimhom, jew taħt id-direzzjoni tagħhom, jew persuni, entitajiet jew korpi proprjetà tagħhom, jew ikkontrollati minnhom, inkluż permezz ta' meżżi illeċiti;

(b) li jipprovdu servizzi finanzjarji jew it-trasferiment lejn, matul jew mit-territorju tal-Unjoni, jew li jinvolvu ċittadini ta' Stati Membri jew entitajiet organizzati taħt il-liġijiet tagħhom, jew persuni jew strumenti finanzjarji fit-territorju tal-Unjoni, ta' kwalunkwe assi finanzjarji jew ta' tip ieħor jew riżorsi li jistgħu jikkontribwixxu għall-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħra tal-qerda massiva, jew persuni, entitajiet jew korpi proprjetà tagħhom jew ikkontrollati minnhom; jew

(c) li jkunu involti fi, inkluż permezz tal-għoti ta' servizzi finanzjarji, il-provvista lejn jew mir-RDPK ta' armamenti u materjal relatat ta' kull tip, jew ta' oġġetti, materjali, apparat, prodotti u teknoloġija li jistgħu jikkontribwixxu għall-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħra tal-qerda massiva.

▼B

5. L-Anness XVI għandu jinkludi l-persuni, l-entitajiet jew il-korpi mhux koperti bl-Anness XIII, XIV jew XV li qed jaħdmu f'isem jew fuq l-istruzzjonijiet ta' persuna, entità jew korp elenkati fl-Anness XIII, XIV jew XV jew lil persuni li jgħinu fl-evażjoni ta' sanzjonijiet jew li jiksru d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

6. L-Anness XVII għandu jinkludi l-entitajiet jew il-korpi tal-Gvern tar-RDPK, jew tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, il-persuni, l-entitajiet jew il-korpi li jaġixxu f'isimhom jew fuq id-direzzjoni tagħhom, u l-entitajiet jew il-korpi li huma proprjetà tagħhom jew ikkontrollati minnhom, li huma assoċjati mal-programmi tal-armi nukleari jew tal-missili ballistiċi jew attivitajiet oħra tar-RDPK li huma pprojbiti mill-UNSCR 1718 (2006), 1874 (2009), 2087 (2013), 2094 (2013), 2270 (2016), 2321 (2016) jew 2371 (2017), u li mhumiex koperti mill-Annessi XIII, XIV, XV jew XVI.

▼M11

_____

▼B

►M11 7. ◄ Il-projbizzjoni fil-paragrafi 1 u 3, sa fejn jirreferu għall-persuni, l-entitajiet jew il-korpi elenkati fl-Anness XVII, ma għandhiex tapplika meta l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi jkunu meħtieġa biex jitwettqu l-attivitajiet tal-missjonijiet tar-RDPK għan-NU u l-aġenziji speċjalizzati tagħha u organizzazzjonijiet relatati jew missjonijiet diplomatiċi u konsulari oħra tar-RDPK, jew meta l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tkun kisbet approvazzjoni minn qabel mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet skont il-każ individwali li l-fondi, l-assi finanzjarji jew ir-riżorsi ekonomiċi huma meħtieġa biex titwassal għajnuna umanitarja, għad-denuklearizzazzjoni jew kwalunkwe għan ieħor konsistenti mal-objettivi tal-UNSCR 2270(2016).

▼B

►M11 8. ◄ Il-paragrafu 3 ma għandux jimpedixxi lil istituzzjonijiet finanzjarji jew ta' kreditu fl-Unjoni milli jikkreditaw kontijiet iffriżati fejn jirċievu fondi trasferiti minn partijiet terzi fil-kont tal-persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp, sakemm kwalunkwe żieda għal tali kontijiet tiġi ffriżata wkoll. L-istituzzjonijiet finanzjarji jew ta' kreditu għandhom jinnotifikaw mingħajr dewmien lill-awtoritajiet kompetenti b'dawn l-operazzjonijiet.

►M11 9. ◄ Dment li kull imgħax, dħul ieħor u pagamenti bħal dawn jiġu ffriżati skont il-paragrafu 1, il-paragrafu 3 ma għandux japplika għaż-żieda ma' kontijiet iffriżati ta':

(a) imgħax jew dħul ieħor fuq dawk il-kontijiet; u

(b) pagamenti dovuti skont kuntratti, ftehimiet jew obbligi li jkunu ġew konklużi jew li jkunu nħolqu qabel id-data li fiha l-persuna, l-entità jew il-korp imsemmijin f'dan l-Artikolu jkunu ġew iddeżinjati.

Artikolu 35

1. B'deroga mill-Artikolu 34, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati jew jagħmlu disponibbli ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, b'dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilhom xierqa, meta l-kundizzjonijiet li ġejjin ikunu ssodisfati:

(a) wara li jkun ġie stabbilit li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi kkonċernati jkunu meħtieġa biex jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Annessi XIII, XV, XVI jew XVII u tal-membri dipendenti tal-familji ta' tali persuni fiżiċi, inklużi ħlasijiet għal oġġetti tal-ikel, għall-kera jew għall-ħlas ta' ipoteki, għall-mediċini u għat-trattament mediku, għat-taxxi, għall-primjums tal-assigurazzjoni, u għall-ispejjeż u ħlasijiet tas-servizzi pubbliċi u li jkunu maħsuba esklużivament għal:

(i) onorarji professjonali raġonevoli u għar-rimborż ta' spejjeż imġarrba assoċjati mal-forniment ta' servizzi legali; jew

(ii) onorarji jew imposti għal servizzi għall-kustodja normali jew għall-manutenzjoni ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati; u

(b) fejn l-awtorizzazzjoni tkun tikkonċerna persuna, entità jew korp elenkati fl-Anness XIII, l-Istat Membru kkonċernat ikun innotifika lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet b'dik id-determinazzjoni u bl-intenzjoni tiegħu li jagħti awtorizzazzjoni, u l-Kumitat tas-Sanzjonijiet ma jkunx oġġezzjona għal dik l-azzjoni fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol min-notifika.

2. B'deroga mill-Artikolu 34, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati jew jagħmlu disponibbli ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, wara li jkunu ddeterminaw li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jkunu meħtieġa għal spejjeż straordinarji, dment li:

(a) fejn l-awtorizzazzjoni tikkonċerna persuna, entità jew korp elenkati fl-Anness XIII, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet ikun ġie notifikat dwar din id-determinazzjoni mill-Istat Membru kkonċernat u li d-determinazzjoni tkun ġiet approvata minn dak il-Kumitat;

▼B

(b) fejn l-awtorizzazzjoni tkun tikkonċerna persuna, entità jew korp elenkati fl-Anness XV, XVI jew XVII, l-Istat Membru kkonċernat ikun innotifika lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bir-raġunijiet għaliex iqis li għandha tingħata awtorizzazzjoni speċifika, mill-anqas ġimagħtejn qabel l-awtorizzazzjoni.

3. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika minnufih lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafi 1 u 2.

Artikolu 36

1. B'deroga mill-Artikolu 34, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, meta jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jkunu s-soġġett ta' deċiżjoni ġudizzjarja, amministrattiva jew arbitrali stabbilita qabel id-data li fiha jkunu ġew innominati l-persuna, l-entità jew il-korp imsemmijin fl-Artikolu 34, jew ta' rabta ġudizzjarja, amministrattiva jew arbitrali mogħtija qabel dik id-data;

(b) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi għandhom jintużaw eskluživament biex jissodisfaw il-pretensjonijiet magħmula bis-saħħa ta' tali deċiżjoni jew rikonoxxuti bħala validi b'tali impenn, fil-limiti stabbiliti mil-liġijiet u r-regolamenti applikabbli li jirregolaw id-drittijiet tal-persuni li għandhom tali pretensjonijiet;

(c) id-deċiżjoni jew l-impenn ma jkunux għall-benefiċċju ta' persuna, entità jew korp elenkati fl-Anness XIII, XV, XVI jew XVII;

(d) ir-rikonoxximent tad-deċiżjoni jew tal-impenn ma jkunx imur kontra l-politika pubblika fl-Istat Membru kkonċernat;

(e) id-deċiżjoni jew ir-rabta fir-rigward tal-persuni, l-entitajiet u l-korpi elenkati fl-Anness XIII ikunu ġew innotifikati mill-Istat Membru kkonċernat lill-Kumitat dwar is-Sanzjonijiet.

2. B'deroga mill-Artikolu 34, u bil-kundizzjoni li pagament minn persuna, entità jew korp elenkati fl-Anness XV, XVI jew XVII ikun dovut skont kuntratt jew ftehim li ġie konkluż minn, jew obbligu li nħoloq għall-persuna, l-entità jew il-korp konċernat, qabel id-data li fiha dawk il-persuna, l-entità jew il-korp kienu ġew innominati, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw, bil-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, bil-kundizzjoni li l-awtorità kompetenti kkonċernata tkun iddeterminat li:

(a) il-kuntratt ma jkun relatat mal-ebda oġġett, tħaddim, servizz jew tranżazzjoni msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 3(1), l-Artikolu 3(3) jew l-Artikolu 7; u

(b) il-ħlas ma jiġix riċevut direttament jew indirettament minn persuna, entità jew korp imsemmija fl-Anness XV, XVI jew XVII.

▼B

3. L-Istat Membru kkonċernat għandu, mill-anqas għaxart ijiem qabel jagħti kull awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 2, jinnotifika lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni b'dik id-determinazzjoni u bl-intenzjoni tiegħu li jagħti awtorizzazzjoni.

Artikolu 37

Il-projbizzjonijiet fl-Artikolu 34(1) u (3) ma għandhomx japplikaw fir-rigward ta' fondi u riżorsi ekonomiċi li jappartjenu jew li huma magħmula disponibbli lill-Foreign Trade Bank jew lill-Korean National Insurance Company (KNIC) sa fejn tali fondi u riżorsi ekonomiċi jkunu maħsuba esklużivament għall-finijiet uffiċjali ta' missjoni diplomatika jew konsulari fir-RDPK, jew għal attivitajiet ta' assistenza umanitarja li jitwettqu min-Nazzjonijiet Uniti, jew f'koordinazzjoni magħha.

KAPITOLU VI

Restrizzjonijiet fuq it-Trasport

Artikolu 38

1. Il-merkanzija, inkluż il-bagalji personali u tal-istiva, li tinsab fl-Unjoni jew li tgħaddi mill-Unjoni, inkluż l-ajruporti, il-portijiet u ż-żoni ħielsa, kif imsemmija fl-Artikoli minn 243 sa 249 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, għandha tkun soġġetta għal spezzjoni biex jiġi żgurat li ma jkunx fiha oġġetti pprojbiti mill-UNSCR 1718 (2006), 1874 (2009), 2087 (2013), 2094 (2013), 2270 (2016), 2321 (2016), 2371 (2017), jew minn dan ir-Regolament meta:

(a) il-merkanzija tkun toriġina mir-RDPK;

(b) il-merkanzija tkun iddestinata għar-RDPK;

(c) is-senserija tal-merkanzija tkun saret, jew il-merkanzija tkun ġiet iffaċilitata mir-RDPK jew minn ċittadini tagħha, jew minn individwi jew entitajiet li jaġixxu f'isimhom jew taħt id-direzzjoni tagħhom, jew minn entitajiet li huma proprjetà tagħhom jew ikkontrollati minnhom;

(d) is-senserija tal-merkanzija tkun saret jew il-merkanzija tkun ġiet iffaċilitata minn persuni, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness XIII;

(e) il-merkanzija tkun qed tiġi ttrasportata fuq bastiment bil-bandiera tar-RDPK jew f'inġenju tal-ajru rreġistrat fir-RDPK, jew fuq bastiment jew inġenju tal-ajru bla stat.

2. Fejn il-merkanzija li tinsab fl-Unjoni jew li tgħaddi mill-Unjoni, inkluż minn ajruporti, portijiet u żoni ħielsa, ma tkunx fil-kamp ta' applikazzjoni tal-paragrafu 1, għandha tkun soġġetta għall-ispezzjoni fejn ikun hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jemmen li jista' jkun hemm fiha oġġetti li l-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment, jew l-esportazzjoni tagħhom huma pprojbiti minn dan ir-Regolament fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) il-merkanzija tkun toriġina fir-RDPK;

(b) il-merkanzija tkun iddestinata għar-RDPK; jew

(c) is-senserija tal-merkanzija tkun saret, jew il-merkanzija tkun ġiet iffaċilitata mir-RDPK jew minn ċittadini tagħha, jew minn individwi jew entitajiet li jaġixxu f'isimhom.

▼B

3. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-invjolabbiltà u l-protezzjoni ta' bagalji diplomatiċi u konsulari stipulati fil-Konvenzjoni ta' Vjenna tal-1961 dwar ir-Relazzjonijiet Diplomatiċi u l-Konvenzjoni ta' Vjenna tal-1963 dwar ir-Relazzjonijiet Konsulari.

4. Il-forniment ta' servizzi ta' bunkering jew ta' servizzi ta' forniment għall-bastimenti, jew kwalunkwe servizz ieħor għall-bastimenti, lil bastimenti tar-RDPK huwa pprojbit fejn il-forniturі tas-servizz ikollhom informazzjoni, inkluż mingħand l-awtoritajiet kompetenti tad-dwana fuq il-bażi tal-informazzjoni ta' qabel il-wasla u ta' qabel it-tluq imsemmija fl-Artikolu 9(1), li tipprovdi bażi raġonevoli biex wieħed jemmen li l-bastimenti qed iġorru oġġetti li l-forniment, il-bejgħ, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tagħhom huma pprojbiti skont dan ir-Regolament, sakemm il-forniment ta' dawn is-servizzi ma jkunx neċessarju għal skopijiet umanitarji.

Artikolu 39

1. Għandu jkun ipprojbit li jingħata aċċess għall-portijiet fit-territorju tal-Unjoni lil kwalunkwe bastiment:

(a) li huwa proprjetà tar-RDPK, jew operat jew ekwipaġġat minnha;

(b) li huwa bil-bandiera tar-RDPK;

(c) fejn ikun hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jemmen li jkun proprjetà ta' jew ikkontrollat, direttament jew indirettament, minn persuna jew entità elenkata fl-AnnessXIII, XV, XVI jew XVII;

(d) fejn ikun hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jemmen li jkun fih oġġetti li l-forniment, il-bejgħ, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tagħhom tkun ipprojbita skont dan ir-Regolament;

(e) li jkun irrifjuta li jiġi spezzjonat wara li tali spezzjoni tkun ġiet awtorizzata mill-Istat tal-bandiera tal-bastiment jew mill-Istat tar-reġistrazzjoni;

(f) ikun mingħajr nazzjonalità u li jkun irrifjuta li jiġi spezzjonat skont l-Artikolu 38(1); jew

▼M3

(g) li huwa elenkat taħt l-Anness XIV jekk il-Kumitat tas-Sanzjonijiet ikun speċifika hekk.

▼B

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika:

(a) fil-każ ta' emerġenza;

(b) meta l-bastiment ikun qed jirritorna lejn il-port ta' oriġini tiegħu;

(c) fil-każ li bastiment ikun dieħel f'port għal spezzjoni meta dik tkun tikkonċerna bastiment fil-kamp ta' applikazzjoni tal-punti (a) sa (e) tal-paragrafu 1.

Artikolu 40

1. B'deroga mill-projbizzjoni fl-Artikolu 39(1), meta dik tkun tikkonċerna bastiment fil-kamp ta' applikazzjoni tal-punti (a) sa (e), l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw dak il-bastiment biex jidħol fil-port jekk:

(a) il-Kumitat tas-Sanzjonijiet ikun iddetermina minn qabel li dan ikun meħtieġ għal skopijiet umanitarji jew għal kwalunkwe skop ieħor konsistenti mal-objettivi tal-UNSCR 2270 (2016); jew

▼B

(b) l-Istat Membru jkun iddetermina minn qabel li dan ikun meħtieġ għal skopijiet umanitarji jew għal kwalunkwe skop ieħor konsistenti mal-objettivi ta' dan ir-Regolament.

▼M1

2. B'deroga mill-projbizzjoni fl-Artikolu 39(1), meta dik tkun tikkonċerna bastiment fil-kamp ta' applikazzjoni tal-punti (f), l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw lil dak il-bastiment biex jidħol fil-port jekk il-Kumitat tas-Sanzjonijiet ikun ta t-tali direzzjoni.

▼M3

3. B'deroga mill-projbizzjoni fl-Artikolu 39(1), meta dan ikun jikkonċerna bastiment fl-ambitu tal-punt (g), l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw bastiment li jidħol fil-port jekk il-Kumitat tas-Sanzjonijiet ikun iddetermina minn qabel li tali dħul huwa meħtieġ għal skopijiet umanitarji jew għal kwalunkwe skop ieħor konsistenti mal-objettivi tal-UNSCRs 1718 (2006), 1874 (2009), 2087 (2013), 2094 (2013), 2270 (2016), 2321 (2016), 2356 (2017), 2371 (2017) jew2375 (2017).

▼B

Artikolu 41

1. Għandu jkun ipprojbit li inġenji tal-ajru operati minn trasportaturi tar-RDPK jew li joriġinaw mir-RDPK jitilqu mit-territorju tal-Unjoni, jinżlu fih jew itiru minn fuqu.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika:

(a) meta l-inġenju tal-ajru jagħmel inżul għal spezzjoni;

(b) fil-każ ta' nżul ta' emerġenza.

Artikolu 42

B'deroga mill-Artikolu 41, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw inġenju tal-ajru jitlaq mit-territorju tal-Unjoni, jinżel fih jew itir minn fuqu jekk dawk l-awtoritajiet kompetenti jkunu ddeterminaw minn qabel li dan huwa meħtieġ għal skopijiet umanitarji jew għal kwalunkwe skop ieħor konsistenti mal-objettivi ta' dan ir-Regolament.

▼M11

Artikolu 43

1. Għandu jkun ipprojbit:

(a) il-kiri jew noleġġ ta' bastimenti jew inġenji tal-ajru jew l-għoti ta' servizzi tal-ekwipaġġ lir-RDPK, lil persuni jew entitajiet elenkati fl-Anness XIII, XV, XVI jew XVII, lil kwalunkwe entità oħra tar-RDPK, lil kwalunkwe persuna jew entità oħra li tkun assistiet fil-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-UNSCR 1718 (2006), 1874 (2009), 2087 (2013), 2094 (2013), 2270 (2016), 2321 (2016) jew 2371 (2017) jew kwalunkwe persuna jew entità li taġixxi f'isimhom jew taħt id-direzzjoni ta' kwalunkwe tali persuna jew entità, u entitajiet li huma proprjetà tagħhom jew huma kkontrollati minnhom;

(b) l-akkwist ta' servizzi tal-ekwipaġġ ta' bastimenti jew ta' inġenji tal-ajru mir-RDPK;

(c) is-sjieda, il-kiri, l-operat, in-noleġġ, l-assigurazzjoni jew l-għoti ta' servizzi ta' klassifikazzjoni tal-bastimenti jew servizzi assoċjati lil kwalunkwe bastiment bil-bandiera tar-RDPK;

▼M11

(d) l-għoti ta' servizzi ta' klassifikazzjoni tal-bastimenti għal bastimenti elenkati fl-Anness XVIII.

(e) l-applikazzjoni jew l-għajnuna għar-reġistrazzjoni jew għaż-żamma fuq ir-reġistru ta' kwalunkwe bastiment li huwa proprjetà, ikkontrollat jew operat mir-RDPK jew minn ċittadini tar-RDPK, kull bastiment elenkat fl-Anness XVIII jew li jkun cminn Stat ieħor skont il-paragrafu 24 tal-UNSCR 2321 (2016), il-paragrafu 8 tal-UNSCR 2375 (2017); jew il-paragrafu 12 tal-UNSCR 2397 (2017); jew

(f) l-għoti ta' servizzi ta' assigurazzjoni jew ta' riassigurazzjoni lil bastimenti li huma proprjetà tar-RDPK jew ikkontrollati jew operati minnha, jew bastimenti elenkati fl-Anness XVIII.

2. L-Anness XVIII għandu jinkludi l-bastimenti li mhumiex elenkati fl-Anness XIV, li l-Kunsill ikollu raġuni li jemmen li dawn kienu involuti f'attivitajiet, jew fit-trasport ta' oġġetti, li huma pprojbiti mill-UNSCR 1718 (2006), 1874 (2009), 2087 (2013), 2094 (2013), 2270 (2016), 2321 (2016), 2356 (2017), 2371 (2017), 2375 (2017) jew 2397 (2017).

Artikolu 44

1. B'deroga mill-projbizzjoni fil-punt (a) tal-Artikolu 43(1), l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tista' tawtorizza l-kiri, in-noleġġ jew il-forniment ta' servizzi ta' ekwipaġġ, dment li l-Istat Membru jkun kiseb l-approvazzjoni bil-quddiem mingħand il-Kumitat tas-Sanzjonijiet skont il-każ individwali.

2. B'deroga mill-projbizzjonijiet fil-punti (c) u (e) tal-Artikolu 43(1), l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, jistgħu jawtorizzaw is-sjieda, il-kiri, l-operat, in-noleġġ jew l-għoti ta' servizzi ta' klassifikazzjoni tal-bastimenti jew ta' servizzi assoċjati lil kwalunkwe bastiment li jtajjar il-bandiera tar-RDPK, jew ir-reġistrazzjoni, jew iż-żamma fuq ir-reġistru, ta' kwalunkwe bastiment li huwa proprjetà tar-RDPK jew ta' ċittadini tar-RDPK, jew ikkontrollat jew operat minnhom, dment li l-Istat Membru jkun kiseb l-approvazzjoni bil-quddiem mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet skont il-każ individwali.

3. B'deroga mill-projbizzjoni fil-punt (d) tal-Artikolu 43(1), l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw lis-servizzi tal-ikklassifikar tal-bastimenti għal bastimenti elenkati fl-Anness XVIII dment li l-Istat Membru jkun kiseb l-approvazzjoni bil-quddiem mingħand il-Kumitat tas-Sanzjonijiet skont il-każ individwali.

4. B'deroga mill-projbizzjonijiet fil-punt (e) tal-Artikolu 43(1), l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tista' tawtorizza r-reġistrazzjoni ta' bastiment li jkun tneħħa mir-reġistru minn Stat ieħor skont il-paragrafu 12 tal-UNSCR 2397 (2017), dment li l-Istat Membru jkun kiseb l-approvazzjoni bil-quddiem mingħand il-Kumitat tas-Sanzjonijiet skont il-każ individwali.

5. B'deroga mill-projbizzjonijiet fil-punt (f) tal-Artikolu 43(1), l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, jistgħu jawtorizzaw il-forniment ta' servizzi ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni, dment li l-Kumitat tas-Sanzjonijiet ikun stabbilixxa bil-quddiem skont il-każ individwali li l-bastiment ikun involut f'attivitajiet esklużivament għal skopijiet ta' għajxien li mhux se jintużaw minn individwi jew entitajiet tar-RDPK biex jiġġeneraw dħul jew esklużivament għal finijiet umanitarji.

▼M11

6. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni b'kull awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafi 1, 2, 3, 4 u 5.

▼M3

Artikolu 44a

Għandu jkun ipprojbit li jiġu ffaċilitati, jew li jsiru, trasferimenti minn vapur għall-ieħor, lejn jew minn kwalunkwe bastiment li jkun qiegħed iġorr il-bandiera tar-RDPK, ta' kwalunkwe oġġetti jew prodotti li jkunu qegħdin jinbiegħu, forniti, trasferiti jew esportati lejn jew mir-RDPK.

▼B

KAPITOLU VII

Dispożizzjonijiet Ġenerali u Finali

▼M11

Artikolu 45

1. B'deroga mill-projbizzjonijiet li joħorġu mill-UNSCRs 1718 (2006), 1874 (2009), 2087 (2013), 2094 (2013), 2270 (2016), 2321 (2016), 2356 (2017), 2371 (2017), 2375 (2017) jew 2397 (2017), l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw kwalunkwe attività jekk il-Kumitat tas-Sanzjonijiet ikun iddetermina, skont il-każ individwali, li jkunu neċessarji sabiex jiffaċilitaw il-ħidma ta' organizzazzjonijiet internazzjonali u mhux governattivi li jkunu qegħdin iwettqu attivitajiet ta' assistenza u ta' salvataġġ fir-RDPK għall-benefiċċju tal-popolazzjoni ċivili fir-RDPK jew għal xi skop ieħor konsistenti mal-objettivi ta' dawk il-UNSCRs.

2. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'kull awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 1.

Artikolu 45a

1. Sakemm mhux previst mod ieħor f'dan ir-Regolament, u b'deroga mill-projbizzjonijiet li joħorġu mill-UNSCRs 1718 (2006), 1874 (2009), 2087 (2013), 2094 (2013), 2270 (2016), 2321 (2016), 2356 (2017), 2371 (2017), 2375 (2017) jew 2397 (2017), l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw, skont il-każ, kwalunkwe attività li tkun neċessarja għall-funzjonament tal-missjonijiet diplomatiċi jew karigi konsulari fir-RDPK skont il-Konvenzjonijiet ta' Vjenna tal-1961 u l-1963, jew ta' organizzazzjonijiet internazzjonali li jgawdu minn immunitajiet skont id-dritt internazzjonali fir-RDPK.

2. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'kull awtorizzazzjoni mogħtija skont il-punt (b) tal-paragrafu 1.

▼B

Artikolu 46

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li:

(a) temenda l-Anness I abbażi tal-informazzjoni fornita mill-Istati Membri;

▼M11

(b) temenda l-Partijiet II, III, IV, V, VI, VII, VIII u IX tal-Anness II u l-Annessi VI, VII, IX, X, XI, Xia, XIb, XIc, XId, XIe u XIf abbażi ta' determinazzjonijiet li jkunu saru jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet jew mill-KSNU u li jiġu aġġornati l-kodiċi tan-nomenklatura min-Nomenklatura Magħquda kif stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87;

▼B

(c) temenda l-Anness VIII sabiex tirfina jew tadatta l-lista ta' prodotti inklużi fiha, filwaqt li tqis kwalunkwe definizzjoni jew linji gwida li jistgħu jkunu ppromulgati mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet jew sabiex taġġorna l-kodiċijiet tan-nomenklatura meħuda min-Nomenklatura Magħquda kif stabbilita fl-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87;

(d) temenda l-Annessi III, IV u V abbażi tad-determinazzjonijiet li jkunu saru jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet jew mill-KSNU, jew deċiżjonijiet meħuda dwar dawn l-Annessi fid-Deċiżjoni (PESK) 2016/849;

(e) temenda l-Anness XII biex tiġi rfinuta jew adattata l-lista ta' servizzi inkluża fih, b'kont meħud tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri kif ukoll kwalunkwe definizzjoni jew linja gwida li tista' tinħareġ mill-Kummissjoni tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, jew sabiex jiżdiedu numri ta' referenza meħuda mis-sistema tal-Klassifika Ċentrali tal-Prodotti għall-prodotti u s-servizzi promulgata mill-Kummissjoni tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti.

Artikolu 47

1. Fejn il-Kunsill tas-Sigurtà jew il-Kumitat tas-Sanzjonijiet jinkludi fil-lista persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp, il-Kunsill għandu jinkludi tali persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fl-Anness XIII u XIV.

▼M11

2. Fejn il-Kunsill jiddeċiedi li jissoġġetta persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp għall-miżuri msemmija fl-Artikolu 34(1), (2) jew (3), jew li jiddiżenja bastiment skont l-Atikolu 32, huwa għandu jemenda l-Annessi XV, XVI, XVII u XVIII kif meħtieġ.

▼B

3. Il-Kunsill għandu jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu lill-persuna fiżika jew ġuridika, lill-entità jew lill-korp imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, inklużi r-raġunijiet għall-elenkar, direttament, jekk l-indirizz ikun magħruf, jew permezz ta' pubblikazzjoni ta' avviż, fejn jagħti lil tali persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp opportunità biex jippreżentaw osservazzjonijiet.

4. Fejn jiġu ppreżentati osservazzjonijiet, jew tiġi ppreżentata evidenza sostanzjali ġdida, il-Kunsill għandu jagħmel rieżami tad-deċiżjoni tiegħu u jinforma lill-persuna fiżika jew ġuridika, lill-entità jew lill-korp imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 kif meħtieġ.

5. Fejn in-Nazzjonjiet Uniti tiddeċiedi li tneħħi persuna fiżika jew ġuridika, entità, jew korp mil-lista jew li temenda d-data ta' identifikazzjoni ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkat, il-Kunsill għandu jemenda l-Annessi XIII u XIV kif meħtieġ.

▼M11

Artikolu 47a

1. L-Annessi XV, XVI u XVIII għandhom jiġu rieżaminati regolarment u mill-inqas kull 12-il xahar.

▼**M11**

2. L-Annessi XIII, XIV, XV, XVI, XVII u XVIII għandhom jinkludu r-raġunijiet għall-elenkar tal-persuni, l-entitajiet, il-korpi jew il-bastimenti kkonċernati.

3. L-Annessi XIII, XIV, XV, XVI, XVII u XVIII għandhom jinkludu wkoll, fejn disponibbli, informazzjoni neċessarja biex jiġu identifikati l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet, il-korpi jew il-bastimenti kkonċernati. Fir-rigward ta' persuni fiżiċi, tali informazzjoni tista' tinkludi l-ismijiet, inklużi l-psewdonimi, id-data u l-post ta' twelid, iċ-ċittadinanza, in-numri tal-passaporti u tal-karti tal-identità, is-sess, l-indirizz jekk magħruf, u l-funzjoni jew il-professjoni. Fir-rigward ta' persuni ġuridiċi entitajiet u korpi, tali informazzjoni tista' tinkludi l-ismijiet, il-post u d-data tar-reġistrazzjoni, in-numru tar-reġistrazzjoni u l-post tan-negozju.

▼**B**

Artikolu 48

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom immedjatament jinnotifikaw lil xulxin bil-miżuri meħuda skont dan ir-Regolament u għandhom jipprovdu lil xulxin bi kwalunkwe informazzjoni oħra rilevanti konnessa ma' dan ir-Regolament li tkun għad-dispożizzjoni tagħhom, b'mod partikolari informazzjoni dwar problemi ta' ksur u ta' infurzar u sentenzi mogħtija mill-qrati nazzjonali.

Artikolu 49

1. L-Istati Membri għandhom jaħtru lill-awtoritajiet kompetenti msemmijin f'dan ir-Regolament u jidentifikawhom fis-siti web elenkati fl-Anness I jew permezz ta' dawn is-siti web.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-awtoritajiet kompetenti tagħhom mingħajr dewmien wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u għandhom jinnotifikawha dwar kwalunkwe emenda sussegwenti.

Artikolu 50

1. Mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli dwar ir-rappurtar, il-kunfidenzjalità u s-segretezza professjonali, il-persuni fiżiċi u ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi għandhom:

(a) ifornu immedjatament kull informazzjoni li tiffaċilita l-konformità ma' dan ir-Regolament, bħall-kontijiet u l-ammonti ffriżati skont l-Artikolu 34 lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, fejn ikunu residenti jew fejn ikunu ċjinsabu, u għandhom jittrażmettu minnufih din l-informazzjoni, direttament jew permezz tal-Istati Membri rilevanti lill-Kummissjoni u;

(b) jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti fi kwalunkwe verifika ta' din l-informazzjoni.

2. Kull informazzjoni addizzjonali li l-Kummissjoni tirċievi direttament għandha ssir disponibbli minnufih għall-Istat Membru kkonċernat.

3. Kull informazzjoni mogħtija jew milqugħa skont dan l-Artikolu għandha tintuża biss għall-għanijiet li għalihom tkun ngħatat jew ġiet milqugħa

▼B

Artikolu 51

Il-Kummisjoni għandha tipproċessa d-data personali sabiex twettaq il-kompiti li għandha tagħmel skont dan ir-Regolament u skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

Artikolu 52

Għandha tkun ipprojbita l-parteċipazzjoni, konxja u b'intenzjoni, f'attivitajiet li għandhom l-għan jew l-effett li jevitaw il-projbizzjonijiet li jinsabu f'dan ir-Regolament.

Artikolu 53

1. Ebda pretensjoni b'konnessjoni ma' kwalunkwe kuntratt jew tranżazzjoni fejn il-prestazzjoni tagħhom tkun ġiet affettwata, direttament jew indirettament, b'mod sħiħ jew parzjalment, mill-miżuri imposti skont dan ir-Regolament, inklużi pretensjonijiet għal indennizz jew kwalunkwe pretensjoni oħra ta' dan it-tip, bħal pretensjoni għal kumpens jew pretensjoni taħt garanzija, b'mod partikolari pretensjoni għal estensjoni jew ħlas ta' bond, garanzija jew indennizz, b'mod partikolari garanzija finanzjarja jew indennizz finanzjarju, ta' kull għamla, ma għandha tiġi ssodisfata, jekk din issir minn:

▼M11

(a) persuni, entitajiet jew korpi dežinjati elenkati fl-Anness XIII, XV, XVI jew XVII, jew is-sidien ta' bastimenti elenkati fl-Anness XIV jew fl-Anness XVIII;

▼B

(b) kwalunkwe persuna oħra, entità jew korp mir-RDPK, inkluż il-Gvern tar-RDPK u l-korpi, il-korporazzjonijiet u l-aġenziji pubbliċi tiegħu;

(c) kwalunkwe persuna, entità jew korp li jaġixxu permezz ta' waħda mill-persuni, entitajiet jew korpi msemmija fil-punti (a) u (b) jew f'isimhom.

2. L-eżekuzzjoni ta' kuntratt jew tranżazzjoni għandha tkun ikkunsidrata bħala affettwata mill-miżuri imposti minn dan ir-Regolament meta l-eżistenza jew il-kontenut tal-pretensjoni jirriżultaw direttament jew indirettament minn dawn il-miżuri.

3. F'kull proċediment għall-infurzar ta' pretensjoni, l-obbligu biex ikun ippruvat il-fatt li l-ilqugħ tat-talba ma jkunx ipprojbit mill-paragrafu 1 għandu jkun fuq il-persuna li tkun qed titlob l-infurzar ta' dik il-pretensjoni.

4. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-persuni, l-entitajiet u l-korpi msemmija fil-paragrafu 1 għal rieżami ġudizzjarju tal-legalità tan-nuqqas ta' prestazzjoni ta' obbligi kuntrattwali skont dan ir-Regolament.

Artikolu 54

1. L-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi jew ir-rifjut li tali fondi jew riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli, imwettaq in buona fede fuq il-bażi li tali azzjoni tkun konformi ma' dan ir-Regolament, ma għandux joħloq responsabbiltà ta' kwalunkwe tip min-naħa tal-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp li jkunu qed jimplimentawh, jew id-diretturi jew l-impjegati tagħhom, sakemm ma jiġix ippruvat li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi jkunu ġew iffriżati jew miżmuma b'riżultat ta' negliġenza.

▼B

2. Azzjonijiet minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi ma għandhomx jagħtu lok għal kwalunkwe tip ta' responsabbiltà min-naħa tagħhom, jekk ma kinux jafu, u ma kellhomx kawża raġonevoli biex jissuspettaw, li l-azzjonijiet tagħhom imorru kontra l-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Artikolu 55

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

Informazzjoni addizzjonali

OMI: 8628597. MMSI: 341985000

3. **Isem: TONG SAN 2**

Informazzjoni addizzjonali

OMI: 8937675. MMSI: 445539000

4. **Isem: JIE SHUN**

Informazzjoni addizzjonali

OMI: 8518780. MMSI: 514569000

5. **Isem: BILLIONS NO. 18**

Informazzjoni addizzjonali

OMI: 9191773

6. ►C5 **Isem: UL JI BONG 6**

Informazzjoni addizzjonali

OMI: 9114555 ◄

7. **Isem: RUNG RA 2**

Informazzjoni addizzjonali

OMI: 9020534

8. **Isem: RYE SONG GANG 1**

Informazzjoni addizzjonali

OMI: 7389704

▼**M14**

9. **Isem: CHON MYONG 1**

   Informazzjoni addizzjonali

   OMI: 8712362

10. **Isem: AN SAN 1**

    Informazzjoni addizzjonali

    OMI: 7303803

11. **Isem: YU PHYONG 5**

    Informazzjoni addizzjonali

    OMI: 8605026

12. **Isem: SAM JONG 1**

    Informazzjoni addizzjonali

    OMI: 8405311

13. **Isem: SAM JONG 2**

    Informazzjoni addizzjonali

    OMI: 7408873

14. **Isem: SAM MA 2**

    Informazzjoni addizzjonali

    OMI: 8106496

15. **Isem: YU JONG 2**

    Informazzjoni addizzjonali

    OMI: 8604917

16. **Isem: PAEK MA**

    Informazzjoni addizzjonali

    OMI: 9066978

17. **Isem: JI SONG 6**

    Informazzjoni addizzjonali

    OMI: 8898740

18. **Isem: CHON MA SAN**

    Informazzjoni addizzjonali

    OMI: 8660313

19. **Isem: NAM SAN 8**

    Informazzjoni addizzjonali

    OMI: 8122347

20. **Isem: YU SON**

    Informazzjoni addizzjonali

    OMI: 8691702

▼**M14**

21. **Isem: WOORY STAR**

    Informazzjoni addizzjonali

22. **Isem: ASIA BRIDGE 1**

    Informazzjoni addizzjonali

    OMI: 8916580

23. **Isem: XIN GUANG HAI**

    Informazzjoni addizzjonali

    OMI: 9004700

24. **Isem: HUA FU**

    Informazzjoni addizzjonali

    OMI: 9020003

25. **Isem: YUK TUNG**

    Informazzjoni addizzjonali

    OMI: 9030591

26. **Isem: KOTI**

    Informazzjoni addizzjonali

    OMI: 9417115

27. **Isem: DONG FENG 6**

    Informazzjoni addizzjonali

    OMI: 9008201

28. **Isem: HAO FAN 2**

    Informazzjoni addizzjonali

    OMI: 8747604

29. **Isem: HAO FAN 6**

    Informazzjoni addizzjonali

    OMI: 8628597

30. **Isem: JIN HYE**

    Informazzjoni addizzjonali

    OMI: 8518572

31. **Isem: FAN KE**

    Informazzjoni addizzjonali

    OMI: 8914934

32. **Isem: WAN HENG 11**

    Informazzjoni addizzjonali

    OMI: 8791667

33. **Isem: MIN NING DE YOU 078**

    Informazzjoni addizzjonali

    OMI: ma jeżistix

▼B

ANNESS XV

Lista ta' persuni, entitajiet u korpi msemmijin fl-Artikolu 34(1) u 34(3)

(a) Persuni fiżiċi indikati f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 34(4)

	Isem (u alternattivi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-deżinjazzjoni	Raġunijiet
1.	CHON Chi Bu (CHON Chi-bu)		22.12.2009	Membru tal-Uffiċċju Ġenerali tal-Enerġija Atomika, eks direttur tekniku ta' Yongbyon. Ritratti rabtuh ma' reattur nukleari fis-Sirja qabel ma ġie bbumbardjat mill-Iżrael fl-2007.
2.	CHU Kyu-Chang (magħruf ukoll bħala JU Kyu-Chang; JU Kyu Chang)	Data tat-twelid: 25.11.1928 Post tat-twelid: Il-Provinċja ta' Hamgyo'ng ta' Nofsinhar, RDPK	22.12.2009	Eks membru tal-Kummissjoni tad-Difiża Nazzjonali, li kienet korp ewlieni għal kwistjonijiet tad-difiża nazzjonali fir-RDPK qabel ma ġie rrifurmat fil-Kummissjoni tal-Affarijiet Statali (State Affairs Commission, SAC). Eks direttur tad-dipartiment tal-munizzjon tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea. Irraporta lil KIM Jong Un dwar vapur tal-gwerra fl-2013. Direttur tad-Dipartiment għall-Industrija tal-Bini tal-Magni tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea. Membru supplenti tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema elett f'Mejju tal-2016 waqt is-Seba' Kungress tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, fejn il-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea adotta deċiżjoni biex ikompli bil-programm nukleari tar-RDPK. Responsabbli mill-għoti ta' sostenn jew mill-promozzjoni ta' programmi tar-RDPK li għandhom x'jaqsmu ma' armi nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħra ta' qerda massiva.
3.	HYON Chol-hae (magħruf ukoll bħala HYON Chol Hae)	Data tat-twelid: 1934 Post tat-twelid: Manchuria, iċ-Ċina	22.12.2009	Marixxal tal-Armata tal-Poplu Korean sa mill-2016. Viċi Direttur tad-Dipartiment tal-Politika Ġenerali tal-Armata tal-Poplu Korean (Konsulent militari tal-mejjet Kim Jong-Il). Membru tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema elett f'Mejju tal-2016 waqt is-Seba' Kungress tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea fejn il-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea adotta deċiżjoni biex ikompli bil-programm nukleari tar-RDPK.
4.	KIM Yong-chun (magħruf ukoll bħala Young-chun; KIM Yong Chun)	Data tat-twelid: 4.3.1935 Passaport: 554410660	22.12.2009	Marixxal tal-Armata tal-Poplu Korean. Eks Viċi President tal-Kummissjoni tad-Difiża Nazzjonali, li kienet korp ewlieni għal kwistjonijiet tad-difiża nazzjonali fir-RDPK qabel ma ġie rrifurmat fil-Kummissjoni tal-Affarijiet Statali (State Affairs Commission, SAC). Eks Ministru tal-Forzi Armati Popolari, konsulent speċjali tal-mejjet Kim Jong-Il dwar l-istrateġija nukleari. Membru tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema elett

▼B

	Isem (u alternattivi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-dežinjazzjoni	Raġunijiet
				f'Mejju tal-2016 waqt is-Seba' Kungress tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea fejn il-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea adotta deċiżjoni biex ikompli bil-programm nukleari tar-RDPK.
5.	O Kuk-Ryol (magħruf ukoll bħala O Kuk Ryol)	Data tat-twelid: 1931Post tat-twelid: il-Provinċja ta' Jilin, iċ-Ċina	22.12.2009	Eks Viċi President tal-Kummissjoni tad-Difiża Nazzjonali, li kienet korp ewlieni għal kwistjonijiet tad-difiża nazzjonali fir-RDPK qabel ma ġie rrifurmat fil-Kummissjoni tal-Affarijiet Statali (State Affairs Commission, SAC), li tissorvelja l-akkwist barra mill-pajjiż ta' teknoloġija avvanzata għal programmi nukleari u ballistiċi. Membru tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema elett f'Mejju tal-2016 waqt is-Seba' Kungress tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea fejn il-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea adotta deċiżjoni biex ikompli bil-programm nukleari tar-RDPK.
6.	PAK Jae-gyong (magħruf ukoll bħala Chae-Kyong; PAK Jae Gyong)	Data tat-twelid: 1933 Passaport: 554410661	22.12.2009	Viċi Direttur tad-Dipartiment tal-Politika Ġenerali tal-Forzi Armati Popolari u Viċi-Direttur tal-uffiċċju tal-loġistika tal-Forzi Armati Popolari (Konsulent militari tal-mejjet Kim Jong-Il). Preżenti waqt l-ispezzjoni tal-Kmand tal-Forzi tal-Missili Strateġiċi minn KIM Jong Un.
7.	RYOM Yong		22.12.2009	Direttur tal-Uffiċċju Ġenerali tal-Enerġija Atomika (entità magħżula min-Nazzjonijiet Uniti) responsabbli mir-relazzjonijiet internazzjonali.
8.	SO Sang-kuk (magħruf ukoll bħala SO Sang Kuk)	Data tat-twelid: bejn l-1932 u l-1938	22.12.2009	Kap tad-Dipartiment tal-Fiżika Nukleari, Università Kim Il Sung.
9.	Logutenent Ġenerali KIM Yong Chol (magħruf ukoll bħala: KIM Yong-Chol; KIM Young-Chol; KIM Young-Cheol; KIM Young-Chul)	Data tat-twelid: 1946 Post tat-twelid: Pyongan-Pukto, RDPK	19.12.2011	Elett Membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea u tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, Viċi President għar-Relazzjonijiet Inter-Koreani. Eks Kmandant tar-Reconnaissance General Bureau (RGB). Promoss għal direttur tad-Dipartiment tal-Front Magħqud f'Mejju 2016 waqt is-Seba' Kungress tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea.
10.	CHOE Kyong-song (magħruf ukoll bħala CHOE Kyong song)		20.5.2016	Kurunell Ġeneral tal-Armata tal-Poplu Korean. Eks membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, li hija korp ewlieni għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali fir-RDPK. Responsabbli mill-għoti ta' sostenn jew mill-promozzjoni ta' programmi tar-RDPK li għandhom x'jaqsmu ma' armi nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħra ta' qerda massiva.

▼B

	Isem (u alternattivi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-dežinjazzjoni	Raġunijiet
11.	CHOE Yong-ho (magħruf ukoll bħala CHOE Yong Ho)		20.5.2016	Kurunell Ġeneral fl-Armata tal-Poplu Korean / Ġeneral tal-Forzi tal-Ajru tal-Armata tal-Poplu tal-Korea. Eks membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, li hija korp ewlieni għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali fir-RDPK. Kmandant tal-Forzi tal-Ajru tal-Armata tal-Poplu tal-Korea u tal-Forzi Kontra l-Inġenji tal-Ajru. Responsabbli mill-għoti ta' sostenn jew mill-promozzjoni ta' programmi tar-RDPK li għandhom x'jaqsmu ma' armi nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħra ta' qerda massiva.
12.	HONG Sung-Mu (magħruf ukoll bħala HUNG Sun Mu; HONG Sung Mu)	Data tat-twelid: 1.1.1942	20.5.2016	Il-Viċi Direttur tad-Dipartiment għall-Industrija tal-Munizzjoni (Munitions Industry Department, MID). Inkarigat mill-iżvilupp ta' programmi dwar armi konvenzjonali u missili, inklużi l-missili ballistiċi. Wieħed mill-persuni ewlenin responsabbli għall-programmi għall-iżvilupp industrijali tal-armi nukleari. Bħala tali, responsabbli għal programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi, jew ma' armi oħrajn ta' qerda massiva.
13.	JO Kyongchol (magħruf ukoll bħala JO Kyong Chol)		20.5.2016	Ġeneral tal-Armata tal-Poplu Korean. Eks membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, li hija korp ewlieni għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali fir-RDPK. Direttur tal-Kmand Militari tas-Sigurtà. Responsabbli mill-għoti ta' sostenn jew mill-promozzjoni ta' programmi tar-RDPK li għandhom x'jaqsmu ma' armi nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħra ta' qerda massiva. Akkumpanja lil Kim Jong Un għall-akbar taħriġ li qatt sar tal-artillerija li twassal fit-tul.
14.	KIM Chun-sam (magħruf ukoll bħala KIM Chun Sam)		20.5.2016	Ġeneral Logutenent, membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, li huwa l-korp ewlieni għall-kwistjonijiet marbutin mad-difiża nazzjonali fir-RDPK. Direttur tad-Dipartiment tal-Operazzjonijiet tal-Kwartieri Ġenerali Militari tal-Armata tal-Poplu Korean u l-ewwel viċi kap tal-Kwartieri Militari. Responsabbli mill-għoti ta' sostenn jew mill-promozzjoni ta' programmi tar-RDPK li għandhom x'jaqsmu ma' armi nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħra ta' qerda massiva.

▼B

	Isem (u alternattivi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-dežinjazzjoni	Raġunijiet
15.	KIM Chun-sop (magħruf ukoll bħala KIM Chun Sop)		20.5.2016	Eks membru tal-Kummissjoni tad-Difiża Nazzjonali li issa ġiet irriformata fil-Kummissjoni tal-Affarijiet Statali (SAC), li hija korp ewlieni għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali fir-RDPK. Responsabbli mill-għoti ta' sostenn jew mill-promozzjoni ta' programmi tar-RDPK li għandhom x'jaqsmu ma' armi nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħra ta' qerda massiva. Kien f'sessjoni tar-ritratti għal dawk li kkontribwew għas-suċċess tat-test SLBM f'Mejju 2015.
16.	KIM Jong-gak (magħruf ukoll bħala KIM Jong Gak)	Data tat-twelid: 20.7.1941 Post tat-twelid: Pyongyang, RDPK	20.5.2016	Viċi Marixxall fl-Armata tal-Poplu Korean, rettur tal-Università Militari ta' of Kim Il-Sung, eks membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, li hija korp ewlieni għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali fir-RDPK. Responsabbli mill-għoti ta' sostenn jew mill-promozzjoni ta' programmi tar-RDPK li għandhom x'jaqsmu ma' armi nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħra ta' qerda massiva.
17.	KIM Rak Kyom (magħruf ukoll bħala KIM Rak-gyom; KIM Rak Gyom)		20.5.2016	Ġeneral b'Erba' Stilel, Kmandant tal-Istrategic Forces (magħrufa wkoll bħala Strategic Rocket Forces) li jidher li issa jikkmanda erba' unitajiet strateġiċi u tekniċi tal-missili, inkluża l-brigata KN-08 (ICBM). L-UE indikat l-Istrategic Forces minħabba li wettqu attivitajiet li kkontribwixxew b'mod materjali għall-proliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva jew il-mezz ta' forniment tagħhom. Eks membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, li hija korp ewlieni għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali fir-RDPK. Rapporti fil-mezzi tax-xandir identifikaw lil KIM bħala li attenda t-test tal-magni tal-ICBM li sar f'April 2016 ma' KIM Jong Un. Responsabbli mill-għoti ta' sostenn jew mill-promozzjoni ta' programmi tar-RDPK li għandhom x'jaqsmu ma' armi nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħra ta' qerda massiva. Ordna t-taħriġ tal-isparar tal-missili ballistiċi.
18.	KIM Won-hong (magħruf ukoll bħala KIM Won Hong)	Data tat-twelid: 7.1.1945 Post tat-twelid: Pyongyang, RDPK Passaport: 745310010	20.5.2016	Ġeneral, Direttur tad-Dipartiment għas-Sigurtà tal-Istat. Ministru tas-Sigurtà tal-Istat. Membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea u l-Kummissjoni tad-Difiża Nazzjonali, li hija korp ewlieni għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali fir-RDPK qabel ma ġiet mibdula għall-Kummissjoni tal-Affarijiet Statali (SAC), li huma l-korpi ewlenin għal kwistjonijiet ta' difiża

▼B

	Isem (u alternattivi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-dežinjazzjoni	Raġunijiet
				nazzjonali fir-RDPK. Responsabbli mill-għoti ta' sostenn jew mill-promozzjoni ta' programmi tar-RDPK li għandhom x'jaqsmu ma' armi nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħra ta' qerda massiva.
19.	PAK Jong-chon (magħruf ukoll bħala PAK Jong Chon)		20.5.2016	Ġeneral Kurunell (Logutenent Ġeneral) fl-Armata tal-Poplu Korean, il-Kap tal-Forzi Armati tal-Poplu Korean, Viċi Kap tal-Persunal u Direttur tad-Dipartiment tal-Forzi tal-Attakk. Kap tal-Kwartieri Militari u Direttur tad-Dipartiment tal-Kmand tal-Artillerija. Eks membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, li hija korp ewlieni għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali fir-RDPK. Responsabbli mill-għoti ta' sostenn jew mill-promozzjoni ta' programmi tar-RDPK li għandhom x'jaqsmu ma' armi nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħra ta' qerda massiva.
20.	RI Jong-su (magħruf ukoll bħala RI Jong Su)		20.5.2016	Viċi Ammirall. Eks membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, li hija korp ewlieni għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali fir-RDPK. Kap Kmandant tal-Forzi Navali Koreani li huma involuti fl-iżvilupp ta' programmi ta' Missili Ballistiċi u fl-iżvilupp ta' kapaċitajiet nukleari tal-forzi navali tar-RDPK. Responsabbli mill-għoti ta' sostenn jew mill-promozzjoni ta' programmi tar-RDPK li għandhom x'jaqsmu ma' armi nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħra ta' qerda massiva.
21.	SON Chol-ju (magħruf ukoll bħala Son Chol Ju)		20.5.2016	Kurunell Ġeneral tal-Armata tal-Poplu Korean u Direttur politiku tal-Forzi tal-Ajru u tal-Forzi kontra l-attakki mill-ajru (Anti Air Force), li tissorvelja l-iżvilupp ta' rokits modernizzati kontra l-inġenji tal-ajru. Responsabbli mill-għoti ta' sostenn jew mill-promozzjoni ta' programmi tar-RDPK li għandhom x'jaqsmu ma' armi nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħra ta' qerda massiva.

▼B

	Isem (u alternattivi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-dežinjazzjoni	Raġunijiet
22.	YUN Jong-rin (magħruf ukoll bħala YUN Jong Rin)		20.5.2016	Ġeneral, eks membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea u membru tal-Kummissjoni tad-Difiża Nazzjonali, li hija korp ewlieni għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali fir-RDPK qabel ma ġiet mibdula għall-Kummissjoni tal-Affarijiet Statali (SAC), li huma l-korpi ewlenin kollha għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali fir-RDPK. Responsabbli mill-għoti ta' sostenn jew mill-promozzjoni ta' programmi tar-RDPK li għandhom x'jaqsmu ma' armi nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħra ta' qerda massiva.

▼M11

———

▼B

24.	HONG Yong Chil		20.5.2016	Il-Viċi Direttur tal-Machine-Building Industry Department (MBID). Id-Dipartiment tal-Industrija tal-Munizzjonijiet — elenkat mill-KSNU fit-2 ta' Marzu 2016 — huwa involut f'aspetti ewlenin tal-programm tal-missili tar-RDPK. Id-DIM huwa responsabbli għas-sorveljanza tal-iżvilupp tal-missili ballistiċi tar-RDPK, inkluża t-Taepo Dong-2, il-produzzjoni ta' armi u ta' programmi ta' Riċerka u Żvilupp. It-Tieni Kumitat Ekonomiku u s-Second Academy of Natural Sciences — ukoll indikati f'Awwissu 2010 — huma subordinati għall-MID. Fis-snin reċenti l-MID ħadem biex jiżviluppa l-KN08 road-mobile ICBM. HONG akkumpanja lil KIM Jong Un f'għadd ta' attivitajiet relatati mal-iżvilupp tal-programmi tal-armi nukleari u tal-missili ballistiċi tar-RDPK u hu mifhum li kellu rwol sinifikanti fit-test nukleari tar-RDPK tas-6 ta' Jannar 2016. Viċi Direttur tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea. Responsabbli mill-għoti ta' sostenn jew mill-promozzjoni ta' programmi tar-RDPK li għandhom x'jaqsmu ma' armi nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħra ta' qerda massiva. Kien preżenti fuq il-post għat-test tal-ġett b'magna tat-tip ICBM ġdida f'April 2016.

▼B

	Isem (u alternattivi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-dežinjazzjoni	Raġunijiet
25.	RI Hak Chol (magħruf ukoll bħala RI Hak Chul, RI Hak Cheol)	Data tat-twelid: 19.1.1963 jew 8.5.1966 Passaport: 381320634; PS-563410163	20.5.2016	President tal-Green Pine Associated Corporation (“Green Pine”). Skont il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tan-NU, il-Green Pine ħadet f'idejha ħafna mill-attivitajiet tal-Korea Mining Development Trading Corporation (KOMID). Il-KOMID ġiet elenkata mill-Kumitat f'April 2009 u hija l-kummerċjant ewlieni ta' armi tar-RPDK u wkoll l-esportatur prinċipali ta' prodotti u tagħmir marbuta mal-missili ballistiċi u l-armi konvenzjonali. Il-Green Pine hija responsabbli wkoll għal kwaži nofs l-armi u l-materjal esportati mir-RDPK. Il-Green Pine ġiet identifikata minħabba l-esportazzjoni ta' armi u materjal relatat mir-RDPK. Il-Green Pine tispeċjalizza fil-produzzjoni ta' inġenji u armamenti militari marittimi, bħal sottomarini, dgħajjes militari u sistemi ta' missili, u esportat torpedos u assistenza teknika lill-impriżi Iranjani relatati mad-difiża. Il-Green Pine ġiet indikata mill-KSNU.
26.	YUN Chang Hyok	Data tat-twelid: 9.8.1965;	20.5.2016	Viċi Direttur taċ-Ċentru tal-Kontroll tas-Satelliti, in-National Aerospace Development Administration (NADA). In-NADA hija soġġetta għal sanzjonijiet taħt il-UNSCR 2270 (2016) għall-involviment fl-iżvilupp tar-RDPK ta' xjenza u teknoloġija tal-ispazju, inkluż it-tlugħ ta' satelliti u rokits li jġorru missili. Il-UNSCR 2270 (2016) ikkundannat it-tlugħ tas-satellita tar-RDPK tas-7 ta' Frar 2016 minħabba l-użu ta' teknoloġija tal-missili ballistiċi u minħabba li kien fi ksur serju tar-riżoluzzjonijiet 1718 (2006), 1874 (2009), 2087 (2013), u 2094 (2013). Responsabbli mill-għoti ta' sostenn jew mill-promozzjoni ta' programmi tar-RDPK li għandhom x'jaqsmu ma' armi nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħra ta' qerda massiva.
27.	RI Myong Su	Data tat-twelid: 1937 Post tat-twelid: Myongchon, Tramuntana ta' Hamgyong, ir-RDPK	7.4.2017	Viċi President tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea u Kap tal-Persunal tal-Forzi Armati Popolari. F'din il-kariga, Ri Myong Su jokkupa pożizzjoni ewlenija għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali u huwa responsabbli għall-appoġġ jew il-promozzjoni tal-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi, jew ma' armi oħrajn ta' qerda massiva.

▼B

	Isem (u alternattivi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-dežinjazzjoni	Raġunijiet
28.	SO Hong Chan	Data tat-twelid: 30.12.1957 Post tat-twelid: Kangwon, RDPK Passaport: PD836410105 Data ta' skadenza tal-passaport: 27.11.2021	7.4.2017	L-ewwel Viċi Ministru tal-Forzi Armati Popolari, membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea u Kurunell-Ġenerali fil-Forzi Armati Popolari. F'din il-kariga, So Hong Chan huwa responsabbli għall-appoġġ jew il-promozzjoni tal-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi, jew ma' armi oħrajn ta' qerda massiva.
29.	WANG Chang Uk	Data tat-twelid: 29.05.1960	7.4.2017	Ministru għall-Industrija u l-Enerġija Atomika. F'din il-kariga, Wang Chang Uk huwa responsabbli għall-appoġġ jew il-promozzjoni tal-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi, jew ma' armi oħrajn ta' qerda massiva.
30.	JANG Chol	Data tat-twelid: 31.3.1961 Post tat-twelid: Pyongyang, RDPK Passaport: 563310042	7.4.2017	President tal-Akkademja tax-Xjenza tal-Istat, organizzazzjoni dedikata għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet teknoloġiċi u xjentifiċi tar-RDPK. F'din il-kariga, Jang Chol jokkupa pożizzjoni strateġika għall-iżvilupp tal-attivitajiet nukleari tar-RDPK u huwa responsabbli għall-appoġġ jew il-promozzjoni tal-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħra ta' qerda massiva.

▼M11

———

▼M5

32.	RI Pyong Chol	Data tat-twelid: 1948 L-Ewwel Viċi Direttur, Dipartiment tal-Industrija tal-Munizzjon	16.10.2017	Bħala l-ewwel Direttur tad-Dipartiment tal-Industrija tal-Munizzjon jaqdi pożizzjoni ċentrali fi ħdan il-programm tal-missili ballistiċi tar-RDPK. Preżenti waqt bosta testijiet ta' missili ballistiċi u jipprovdi tagħrif lil Kim Jong Un, inklużi t-test u ċ-ċerimonja nukleari f'Jannar 2016.

▼B

(b) Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi indikati f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 34(4)

	Isem (u alternattivi possibbli)	Post	Data tad-dežinjazzjoni	Raġunijiet
1.	Korea Pugang mining and Machinery Corporation ltd		22.12.2009	Sussidjarja tal-Korea Ryongbong General Corporation (entità magħżula mill-KSNU, 24.4.2009); topera faċilitajiet għall-produzzjoni ta' trab tal-aluminju, li jista' jintuża għall-missili.
2.	Korean Ryengwang Trading corporation	Rakwon-dong, Pothonggang District, Pyongyang, RDPK	22.12.2009	Sussidjarja tal-Korea Ryongbong General Corporation (entità magħżula mill-KSNU, 24.4.2009).
3.	Sobaeku United Corp (magħrufa wkoll bħala Sobaeksu United Corp.)		22.12.2009	Kumpannija Statali, involuta fir-riċerka jew l-akkwist ta' prodotti jew ta' tagħmir sensittiv. Hija għandha diversi depożiti ta' grafita naturali li jipprovdu bil-materja prima lil żewġ fabbriki ta' proċessar li jipproduċu partikolarment blokki tal-grafita li jistgħu jintużaw fil-qasam ballistiku.
4.	Ċentru ta' Riċerka Nukleari ta' Yongbyon		22.12.2009	Ċentru ta' riċerka li pparteċipa fil-produzzjoni ta' plutonju ta' kwalità militari. Ċentru li jiddependi mill-Uffiċċju Ġenerali tal-Enerġija Atomika (entità magħżula mill-KSNU, 16.7.2009).

▼M11

———

▼M5

6.	Armata tal-Poplu Korean		16.10.2017	L-Armata tal-Poplu Korean tinkludi l-Forza tal-Missili Strateġiċi, li tikkontrolla l-unitajiet tal-missili strateġiċi konvenzjonali u nukleari tar-RDPK. Il-Forza tal-Missili Strateġiċi ġiet elenkata mir-Riżoluzzjoni 2356 (2017) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.

▼B

(c) Persuni fiżiċi indikati f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 34(4)

	Isem (u alternattivi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-dežinjazzjoni	Raġunijiet
1.	JON Il-chun (magħruf ukoll bħala JON Il Chun)	Data tat-twelid: 24.8.1941	22.12.2010	Fi Frar tal-2010, KIM Tong-un tkeċċa mill-kariga tiegħu ta' direttur tal-Uffiċċju 39, li huwa, fost affarijiet oħra, inkarigat mix-xiri ta' prodotti mir-rappreżentanzi diplomatiċi tar-RDPK billi jevita s-sanzjonijiet. Huwa ġie sostitwit minn JON Il-chun. Rappreentant tal-Kummissjoni tad-Difiża Nazzjonali, li kienet korp ewlieni

▼B

	Isem (u alternattivi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-dežinjazzjoni	Raġunijiet
				għal kwistjonijiet tad-difiża nazzjonali fir-RDPK qabel ma ġie rrifurmat fil-Kummissjoni tal-Affarijiet Statali (State Affairs Commission, SAC), ġie elett direttur ġenerali tal-Bank għall-Iżvilupp Statali f'Marzu 2010. Membru supplenti tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema elett f'Mejju tal-2016 waqt is-Seba' Kungress tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, fejn il-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea adotta deċiżjoni biex ikompli bil-programm nukleari tar-RDPK.
2.	KIM Tong-un (magħruf ukoll bħala KIM Tong Un)		22.12.2009	Eks direttur ta' Uffiċċju 39 tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea li huwa involut fil-finanzjament tal-proliferazzjoni. Fl-2011, allegatament kien responsabbli minn Uffiċċju 38 biex jinġabru fondi għat-tmexxija u għall-elit.

▼M16

———

▼M15

9.	KIM Yong Nam (KIM Yong-Nam, KIM Young-Nam, KIM Yong-Gon)	Data tat-twelid: 2.12.1947 Post tat-twelid: Sinuju, RDPK	20.4.2018	KIM Yong Nam ġie identifikat mill-Bord ta' Esperti bħala aġent tar-Reconnaissance General Bureau, entità li ġiet iddeżinjata min-Nazzjonijiet Uniti. Hu u ibnu KIM Su Gwang ġew identifikati mill-Bord ta' Esperti bħala involuti f'sensiela ta' prattiki finanzjarji qarrieqa li setgħu jikkontribwixxu għall-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħrajn tal-qerda massiva. KIM Yong Nam fetaħ diversi kontijiet kurrenti u ta' tfaddil fl-Unjoni u ġie involut f'għadd ta' trasferimenti bankarji kbar lejn kontijiet bankarji fl-Unjoni jew lejn kontijiet barra l-Unjoni waqt li kien qed jaħdem fil-korp diplomatiku, inkluż lejn kontijiet f'isem ibnu KIM Su Gwang u l-mara ta' ibnu KIM Kyong Hui.
10.	DJANG Tcheul Hy	Data tat-twelid: 11.5.1950 Post tat-twelid: Kangwon	20.4.2018	DJANG Tcheul Hy kienet involuta, flimkien mar-raġel tagħha KIM Yong Nam, binha KIM Su Gwang u l-mara ta' binha KIM Kyong Hui f'sensiela ta' prattiki finanzjarji qarrieqa li setgħu jikkontribwixxu għall-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħrajn tal-qerda massiva. Kienet is-sid ta' diversi kontijiet bankarji fl-Unjoni li nfetħu minn binha KIM Su Gwang f'isimha. Kienet involuta wkoll f'diversi trasferimenti bankarji minn kontijiet mill-mara ta' binha KIM Kyong Hui lejn kontijiet bankarji barra l-Unjoni.

▼**M15**

	Isem (u alternattivi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-dežinjazzjoni	Raġunijiet
11.	KIM Su Gwang (KIM Sou-Kwang, KIM Sou-Gwang, KIM Son-Kwang, KIM Su-Kwang, KIM Soukwang)	Data tat-twelid: 18.8.1976 Post tat-twelid: Pyongyang, Diplomatiku tar-RDPK, fl-Ambaxxata tar-RDPK għall-Belarussja	20.4.2018	KIM Su Gwang ġie identifikat mill-Bord ta' Esperti bħala aġent tar-Reconnaissance General Bureau, entità li ġiet iddežinjata min-Nazzjonijiet Uniti. Hu u missieru KIM Yong Nam ġew identifikati mill-Bord ta' Esperti bħala involuti f'sensiela ta' prattiki finanzjarji qarrieqa li setgħu jikkontribwixxu għall-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħrajn tal-qerda massiva. KIM Su Gwang fetaħ għadd ta' kontijiet bankarji f'diversi Stati Membri, inkluż taħt l-ismijiet ta' membri tal-familja. Kien involut f'diversi trasferimenti bankarji kbar lejn kontijiet bankarji fl-Unjoni jew lejn kontijiet barra l-Unjoni waqt li kien qed jaħdem fil-korp diplomatiku, inkluż lejn kontijiet f'isem il-konjuġi tiegħu KIM Kyong Hui.
12.	KIM Kyong Hui	Data tat-twelid: 6.5.1981 Post tat-twelid: Pyongyang, RDPK	20.4.2018	KIM Kyong Hui kienet involuta flimkien mar-raġel tagħha KIM Su Gwang, missier ir-raġel tagħha KIM Yong Nam u omm ir-raġel tagħha DJANG Tcheul Hy f'sensiela ta' prattiki finanzjarji qarrieqa li setgħu jikkontribwixxu għall-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħrajn tal-qerda massiva. Hi rċeviet diversi trasferimenti bankarji mingħand ir-raġel tagħha KIM Su Gwang u missier ir-raġel tagħha KIM Yong Nam, u ttrasferixxiet flus lejn kontijiet barra mill-Unjoni f'isimha jew isem omm ir-raġel tagħha, DJANG Tcheul Hy.

▼B

ANNESS XVI

Lista ta' persuni, entitatjiet jew korpi msemmija fl-Artikolu 34(1) u 34(3)

▼M5

(a) Persuni fiżiċi

	Isem (u alternattivi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-dežinjazzjoni	Raġunijiet
1.	KIM Hyok Chan	Data tat-twelid: 9.6.1970. Numru tal-passaport: 563410191 Segretarju tal-Ambaxxata tar-RDPK f'Luanda	16.10.2017	Kim Hyok Chan serva bħala rappreżentant ta' Green Pine, entità elenkata min-NU, inkluż in-negozjar ta' kuntratti għar-rinnovament ta' bastimenti navali tal-Angola bi ksur tal-projbizzjonijiet imposti mir-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.

▼M10

2.	CHOE Chan Il		22.1.2018	Direttur tal-Uffiċċju ta' Dandong tal-Korea Heungjin Trading Company, entità ddežinjata min-NU. Il-Korea Heungjin tintuża mill-KOMID, entità ddežinjata oħra min-NU, għal finijiet ta' kummerċ. Il-KOMID ġiet dežinjata mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet tan-NU f'April 2009 u hija l-kummerċjant primarju fl-armi u l-esportatriċi prinċipali tar-RDPK ta' oġġetti u tagħmir relatati ma' missili ballistiċi u armi konvenzjonali.
3.	KIM Chol Nam		22.1.2018	Direttur tal-fergħa ta' Dandong ta' Sobaeksu United Corp li ġiet dežinjata mill-Unjoni. Rappreżentant tal-fergħa ta' Beijing tal-Korea Changgwang Trading Corporation, li ġiet identifikata mill-Panel ta' Esperti tan-NU bħala psewdonimu tal-KOMID. Il-KOMID ġiet dežinjata mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet f'April 2009 u hija l-kummerċjant primarju fl-armi u l-esportatriċi prinċipali tar-RDPK ta' oġġetti u tagħmir relatati ma' missili ballistiċi u armi konvenzjonali.
4.	JON Chol Young	Numru tal-passaport: 563410192 Diplomatiku fl-Ambaxxata tar-RDPK għall-Angola Data tat-twelid: 30.4.1975	22.1.2018	Rappreżentant fl-Angola tal-Green Pine Associated Corporation u diplomatiku akkreditat għar-RDPK fl-Angola. Green Pine ġiet dežinjata min-NU għal attivitajiet inkluż il-ksur tal-embargo tan-NU fuq l-armi. Green Pine nnegozjat ukoll kuntratti għar-rinnovazzjoni ta' bastimenti navali tal-Angola bi ksur tal-projbizzjonijiet imposti mir-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.

▼**M10**

	Isem (u alternattivi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-dežinjazzjoni	Raġunijiet
5.	AN Jong Hyuk Magħruf ukoll bħala: An Jong Hyok	Diplomatiku fl-Ambaxxata tar-RDPK għall-Eġittu Data tat-twelid: 14.3.1970 Numru tal-passaport: 563410155	22.1.2018	Rappreżentant ta' Saeng Pil Trading Corporation, psewdonimu ta' Green Pine Associated Corporation, u diplomatiku tar-RDPK fl-Eġittu. Green Pine ġiet dežinjata min-NU għal attivitajiet inkluż il-ksur tal-embargo tan-NU fuq l-armi. An Jong Hyuk kien awtorizzat jagħmel kull tip ta' negozju f'isem Saeng Pil, inkluż l-iffirmar u l-implimentazzjoni ta' kuntratti u ta' negozju bankarju. Il-kumpannija tispeċjalizza fil-kostruzzjoni ta' bastimenti navali u d-disinn, il-fabbrikazzjoni u l-installazzjoni ta' tagħmir ta' komunikazzjoni elettronika u ta' navigazzjoni bil-baħar.
6.	CHOL Yun	It-tielet Segretarju fl-Ambaxxata tar-RDPK għaċ-Ċina	22.1.2018	Chol Yun ġie identifikat mill-Panel ta' Esperti tan-NU bħala l-persuna ta' kuntatt tal-Kumpannija tar-RDPK General Precious Metal involuta fil-bejgħ ta' litju-6, oġġett marbut mal-armi nukleari ipprojbit min-NU, u diplomatiku tar-RDPK. General Precious Metal kienet identifikata qabel mill-Unjoni bħala psewdonimu tal-entità ddežinjata min-NU Green Pine.
7.	CHOE Kwang Hyok		22.1.2018	Choe Kwang Hyok serva bħala rappreżentant ta' Green Pine Associated Corporation, entità ddežinjata min-NU. Choe Kwang Hyok ġie identifikat mill-Bord ta' Esperti tan-NU bħala l-kap eżekuttiv ta' Beijing King Helong International Trading Ltd, psewdonimu ta' Green Pine. Ġie identifikat ukoll mill-Panel ta' Esperti tan-NU bħala direttur ta' Hong Kong King Helong Int'l Trading Ltd u operatur tal-entità tar-RDPK magħżula bħala l-uffiċċju rappreżentattiv tal-Korea Unhasu Trading Company f'Beijing, li huma wkoll psewdonimi ta' Green Pine.
8.	KIM Chang Hyok Magħruf ukoll bħala: James Jin jew James Kim	Data tat-twelid: 29.4.1963 Post tat-twelid: N. Hamgyong Numru tal-passaport: 472130058	22.1.2018	Kim Chang Hyok ġie identifikat mill-Bord ta' Esperti tan-NU bħala r-rappreżentant ta' Pan Systems Pyongyang fil-Malasja. Pan Systems Pyongyang ġiet dežinjata mill-Unjoni talli assistiet fl-evażjoni tas-sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti permezz tat-tentattiv ta' bejgħ ta' armi u materjal relatat lill-Eritrea. Pan Systems hija wkoll ikkontrollata mir-Reconnaissance General Bureau u taħdem f'ismu, li ġie ddežinjat min-Nazzjonijiet Uniti.

▼**M10**

	Isem (u alternattivi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-dežinjazzjoni	Raġunijiet
				Huwa stabbilixxa diversi kontijiet fil-Malasja f'isem il-kumpanniji tal-isem ta' "Glocom", hija stess kumpannija tal-isem tal-entità ddeżinjata Pan Systems Pyongyang.
9.	PARK Young Han		22.1.2018	Direttur ta' Beijing New Technology li ġiet identifikata mill-Bord ta' Esperti tan-NU bħala kumpannija tal-isem tal-KOMID. Il-KOMID ġiet dežinjata mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet f'April 2009 u hija l-kummerċjant primarju fl-armi u l-esportatriċi prinċipali tar-RDPK ta' oġġetti u tagħmir relatati ma' missili ballistiċi u armi konvenzjonali. Ir-rappreżentant legali ta' Guancaiweixing Trading Co., Ltd, li ġiet identifikata mill-Bord ta' Esperti tan-NU bħala li bagħtet kunsinna interċettata lejn l-Eritrea ta' oġġetti marbuta mal-militar f'Awwissu 2012.
10.	RYANG Su Nyo	Data tat-twelid: 11.8.1959 Post tat-twelid: Ġappun	22.1.2018	Direttur ta' Pan Systems Pyongyang. Pan Systems Pyongyang ġiet dežinjata mill-Unjoni talli assistiet fl-evażjoni tas-sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti permezz tat-tentattiv ta' bejgħ ta' armi u materjal relatat lill-Eritrea. Pan Systems hija wkoll ikkontrollata mir-Reconnaissance General Bureau u taħdem f'ismu, li ġie ddeżinjat min-Nazzjonijiet Uniti.
11.	PYON Won Gun	Data tat-twelid: 13.3.1968 Post tat-twelid: S. Phyongan Numru tal-passaport tas-servizz: 836220035 Numru tal-passaport: 290220142	22.1.2018	Direttur ta' Glocom, kumpannija tal-isem ta' Pan Systems Pyongyang, Pan Systems Pyongyang ġiet dežinjata mill- Unjoni talli assistiet fl-evażjoni tas-sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti permezz tat-tentattiv ta' bejgħ ta' armi u materjal relatat lill-Eritrea. Pan Systems hija wkoll ikkontrollata mir-Reconnaissance General Bureau u taħdem f'ismu, li ġie ddeżinjat min-Nazzjonijiet Uniti. Glocom tirreklama tagħmir tal-komunikazzjoni bir-radju għal organizzazzjonijiet militari u paramilitari. Pyon Won Gun ġie identifikat ukoll mill-Bord ta' Esperti tan-NU bħala ċittadin tar-RDPK li jħaddem il-Pan Systems Pyongyang.

▼**M10**

	Isem (u alternattivi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-dežinjazzjoni	Raġunijiet
12.	PAE Won Chol	Data tat-twelid: 30.8.1969 Post tat-twelid: Pyongyang Nru tal-Passaport Diplomatiku: 654310150	22.1.2018	Pae Won Chol ġie identifikat mill-Bord ta' Esperti tan-NU bħala ċittadin tar-RDPK li jħaddem il-Pan Systems Pyongyang. Pan Systems Pyongyang ġiet dežinjata mill-Unjoni talli assistiet fl-evażjoni tas-sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti permezz tat-tentattiv ta' bejgħ ta' armi u materjal relatat lill-Eritrea. Pan Systems hija wkoll ikkontrollata mir-Reconnaissance General Bureau u taħdem f'ismu, li ġie ddežinjat min-Nazzjonijiet Uniti.
13.	RI Sin Song		22.1.2018	Ri Sin Song ġie identifikat mill-Bord ta' Esperti tan-NU bħala ċittadin tar-RDPK li jħaddem il-Pan Systems Pyongyang. Pan Systems Pyongyang ġiet dežinjata mill-Unjoni talli assistiet fl-evażjoni tas-sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti permezz tat-tentattiv ta' bejgħ ta' armi u materjal relatat lill-Eritrea. Pan Systems hija wkoll ikkontrollata mir-Reconnaissance General Bureau u taħdem f'ismu, li ġie ddežinjat min-Nazzjonijiet Uniti.
14.	KIM Sung Su		22.1.2018	Kim Sung Su ġie identifikat mill-Bord ta' Esperti tan-NU bħala r-rappreżentant ta' Pan Systems Pyongyang fiċ-Ċina. Pan Systems Pyongyang ġiet dežinjata mill-Unjoni talli assistiet fl-evażjoni tas-sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti permezz tat-tentattiv ta' bejgħ ta' armi u materjal relatat lill-Eritrea. Pan Systems hija wkoll ikkontrollata mir-Reconnaissance General Bureau u taħdem f'ismu, li ġie ddežinjat min-Nazzjonijiet Uniti.
15.	KIM Pyong Chol		22.1.2018	Kim Pyong Chol ġie identifikat mill-Bord ta' Esperti tan-NU bħala ċittadin tar-RDPK li jħaddem il-Pan Systems Pyongyang. Pan Systems Pyongyang ġiet dežinjata mill-Unjoni talli assistiet fl-evażjoni tas-sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti permezz tat-tentattiv ta' bejgħ ta' armi u materjal relatat lill-Eritrea. Pan Systems hija wkoll ikkontrollata mir-Reconnaissance General Bureau u taħdem f'ismu, li ġie ddežinjat min-Nazzjonijiet Uniti.

▼M10

	Isem (u alternattivi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-dežinjazzjoni	Raġunijiet
16.	CHOE Kwang Su	It-tielet Segretarju fl-Ambaxxata tar-RDPK għall-Afrika t'Isfel Data tat-twelid: 20.4.1955 Numru tal-passaport: 381210143 (data l-għeluq: 3.6.2016)	22.1.2018	Choe Kwang Su ġie identifikat mill-Bord ta' Esperti tan-NU bħala rappreżentant ta' Haegeumgang Trading Company. F'din il-kapaċità, Choe Kwang Su ffirma kuntratt ta' kooperazzjoni militari bejn ir-RDPK u l-Mozambique bi ksur tal-projbizzjonijiet imposti mir-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti. Il-kuntratt kien jikkonċerna l-fornitment ta' armi u materjal marbut mal-armi lil Monte Binga, kumpannija kkontrollata mill-Gvern tal-Mozambique.
17.	PAK In Su Magħruf ukoll bħala: Daniel Pak	Data tat-twelid: 22.5.1957 Post tat-twelid: N. Hamgyong Numru tal-passaport diplomatiku: 290221242	22.1.2018	Pak In Su ġie identifikat mill-Bord ta' Esperti tan-NU bħala li huwa involut f'attivitajiet marbuta mal-bejgħ ta' faħam mir-RDPK fil-Malasja bi ksur tal-projbizzjonijiet imposti mir-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.
18.	SON Young-Nam	L-Ewwel Segretarju fl-Ambaxxata tar-RDPK għall-Bangladexx	22.1.2018	Son Young-Nam ġie identifikat mill-Bord ta' Esperti tan-NU bħala li huwa involut f'attivitajiet marbuta mal-kuntrabandu ta' deheb u oġġetti oħrajn fir-RDPK bi ksur tal-projbizzjonijiet imposti mir-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.

▼M16

19.	KIM Il-Su (magħruf ukoll bħala Kim Il Su)	Data tat-twelid: 2.9.1965 Post tat-twelid: Pyongyang, RDPK	3.7.2015	Maniġer fid-dipartiment tar-riassigurazzjoni tal-Korea National Insurance Corporation (KNIC) ibbażat fil-kwartieri ġenerali fi Pyongyang u ex-kap rappreżentant awtorizzat tal-KNIC f'Hamburg, fejn aġixxa f'isem il-KNIC jew fuq id-direzzjoni tagħha.
20.	KANG Song-Sam (magħruf ukoll bħala KANG Song Sam)	Data tat-twelid: 5.7.1972 Post tat-twelid: Pyongyang, RDPK	3.7.2015	Ex-rappreżentant awtorizzat tal-Korea National Insurance Corporation (KNIC) f'Hamburg, u għadu jaġixxi f'isem il-KNIC jew fuq id-direzzjoni tagħha.
21.	CHOE Chun-Sik (magħruf ukoll bħala CHOE Chun Sik)	Data tat-twelid: 23.12.1963 Post tat-twelid: Pyongyang, RDPK Passaport 745132109 Validu sat-12.2.2020	3.7.2015	Direttur fid-dipartiment tar-riassigurazzjoni tal-Korea National Insurance Corporation (KNIC) ibbażat fil-kwartieri ġenerali fi Pyongyang u jaġixxi f'isem il-KNIC jew fuq id-direzzjoni tagħha.
22.	SIN Kyu-Nam (magħruf ukoll bħala SIN Kyu Nam)	Data tat-twelid: 12.9.1972 Post tat-twelid: Pyongyang, RDPK Passaport PO472132950	3.7.2015	Direttur fid-dipartiment tar-riassigurazzjoni tal-Korea National Insurance Corporation (KNIC) ibbażat fil-kwartieri ġenerali fi Pyongyang u ex-rappreżentant awtorizzat tal-KNIC f'Hamburg, fejn aġixxa f'isem il-KNIC jew fuq id-direzzjoni tagħha.

▼M16

	Isem (u alternattivi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-dežinjazzjoni	Raġunijiet
23.	PAK Chun-San (magħruf ukoll bħala PAK Chun San)	Data tat-twelid: 18.12.1953 Post tat-twelid: Pyongyang, RDPK Passaport PS472220097	3.7.2015	Direttur fid-dipartiment tar-riassigurazzjoni tal-Korea National Insurance Corporation (KNIC) ibbażat fil-kwartieri ġenerali fi Pyongyang sa mill-anqas Diċembru 2015 u ex-kap rappreżentant awtorizzat tal-KNIC f'Hamburg, u għadu jaġixxi għal jew f'isem il-KNIC jew fuq id-direzzjoni tagħha.
24.	SO Tong Myong	Data tat-twelid: 10.9.1956	3.7.2015	President tal-Korea National Insurance Corporation (KNIC), President tal-Kumitat tal-Maniġment Eżekuttiv tal-KNIC (Ġunju 2012); Maniġer Ġenerali tal-Korean National Insurance Corporation, Settembru 2013, fejn aġixxa f'isem il-KNIC jew fuq id-direzzjoni tagħha.

▼M5

(b) Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi.

	Isem (u alternattivi possibbli)	Post	Data tad-dežinjazzjoni	Raġunijiet
1.	Korea International Exhibition Corporation		16.10.2017	Il-Korea International Exhibition Corporation għenet entitajiet iddežinjati fl-evażjoni tas-sanzjonijiet billi ospitat il-Fiera Kummerċjali Internazzjonali ta' Pyongyang li tipprovdi lil entitajiet elenkati l-opportunità li jiksru s-sanzjonijiet tan-NU billi jissoktaw bl-attività ekonomika.
2.	Korea Rungrado General Trading Corporation magħrufa wkoll bħala: Rungrado Trading Corporation	Indirizz: Segori-dong, Pothonggang District, Pyongyang, RDPK Numru tat-telefon: +850 218111-3818022 Numru tal-fax: +850 23814507 Posta elettronika: rrd@co.chesin.com	16.10.2017	Il-Korea Rungrado General Trading Corporation għenet biex jinkisru s-sanzjonijiet imposti bir-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti permezz tal-bejgħ ta' missili Scud lill-Eġittu.
3.	Maritime Administrative Bureau magħruf ukoll bħala North Korea Maritime Administration Bureau	Indirizz: Ryonhwa-2Dong, Central District, Pyongyang, RDPK PO Box 416 Numru tat-telefon: +850 218111 Ex 8059 Numru tal-fax: +850 23814410 Posta elettronika: mab@silibank.net.kp Sit tal-internet: www.ma.gov.kp	16.10.2017	Il-Maritime Administrative Bureau għen fl-evażjoni tas-sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti inkluż permezz tal-għoti ta' isem ġdid u tar-reġistrazzjoni mill-ġdid ta' assi ta' entitajiet elenkati u billi pprovda dokumentazzjoni falza għall-bastimenti soġġetti għal sanzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti.

▼**M5**

	Isem (u alternattivi possibbli)	Post	Data tad-dežinjazzjoni	Raġunijiet
4.	Pan Systems Pyongyang magħrufa wkoll bħala Wonbang Trading Co.	Indirizz: Room 818, Pothonggang Hotel, Ansan-Dong, Pyongchon district, Pyongyang, RDPK.	16.10.2017	Pan Systems assistiet fl-evażjoni ta' sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti permezz tat-tentattiv ta' bejgħ ta' armi jew materjal relatat lill-Eritrea. Pan Systems hija wkoll ikkontrollata minn, u taħdem f'isem, Reconnaissance General Bureau li ġie elenkat min-Nazzjonijiet Uniti.

▼B

ANNESS XVII

Lista ta' persuni, entitatjiet jew korpi msemmija fl-Artikolu 34(1) u 34(3)

▼**M11**

ANNESS XVIII

Bastimenti msemmija fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 43(1)